# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 29**

**Rikors numru 128/15/1 LM**

**Marks & Charles Limited (C 2010) u Joseph Borg**

**v.**

**Direttur Ġenerali, Qrati;**
**Reġistratur, Qrati u Ċivili u Tribunali**

Preliminari:

1. Din il-kawża tirrigwarda l-kawtela tal-appell relattiva għall-kawża ***Joseph Borg pro et nomine v. Joseph Pace nomine et nomine*** (512/89/RCP).

2. L-imsemmija kawża kienet ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

fis-17 ta' Ġunju 2010 u minnha l-attur Joseph Borg *proprio et nomine* intavola appell. Fis-17 ta' Jannar 2014 huwa, kif mitlub, iddepożita l-kawtela fl-ammont ta' **€151,016.76** li minnhom l-ammont ta' €24,685.92 kien jirrappreżenta l-ispejjeż tar-Reġistru u l-ammont ta' €126,330.84 (€42,110.28 x 3) kien jirrappreżenta d-dritt ta' **tliet** avukati: Prof. Ian Refalo, Dr. Aldo Vella u Dr. Richard Galea Debono u l-prokuraturi legali rispettivi tagħhom. Fis-27 ta' Ġunju 2014 inqatgħet is-sentenza tal-appell, u fit-12 ta' Awwissu 2014 ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ta struzzjonijiet lil-Lombard Bank sabiex il-garanzija bankarja titħallas kwantu għal €24,685.92 *in linea* ta' spejjeż tar-Reġistru, u kwantu għar-rimanenti €126,330.84 lill-**erba'** avukati: Prof. Ian Refalo, Dr. Aldo Vella u Dr. Richard Galea Debono u Dr. Kris Borg u l-prokuraturi legali tagħhom. B'hekk ġie li kull avukat (u prokuratur legali tiegħu) tħallas is-somma ta' €31,852.71 u mhux €42,110.28.

3. Joseph Borg *proprio et nomine* (ossia Joseph Borg f'ismu u f'isem is-soċjeta` Mark & Charles Ltd.) jikkontesta li Dr. Kris Borg kien l-avukat ta' waħda mis-soċjetajiet konvenuti Terry Ltd., għax isostni li kien biss "*amministratur provviżorju*" u għalhekk ma qabilx li lill-istess Dr. Kris Borg kien dovut xi ammont *in linea* ta' drittijiet professjonali bħala avukat. Għaldaqstant fil-11 ta' Frar 2015 is-soċjeta` Mark & Charles Ltd. u Joseph Borg intavolaw il-kawża odjerna kontra d-Direttur Ġenerali (Qrati) u kontra r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali fejn talbu li jiġi dikjarat li ma

kienet dovuta ebda parti mill-kawtela lil Dr. Kris Borg. Għamlu wkoll diversi talbiet oħra konsegwenzjali.

4. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-3 ta' Lulju 2017, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

5. **Huma ħassewhom aggravati b'tali deċiżjoni u għalhekk fis-7 ta' Lulju 2017 interponew l-appell odjern fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tagħhom u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati.**

6. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi s-sentenza appellata fl-intier tagħha:

> "**Il-Qorti,**
>
> Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjetà attriċi **Marks & Charles Limited** u mill-attur **Joseph Borg** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), fil-11 ta' Frar, 2015, fejn jgħidu dan li ġej:
>
> > *"1. Illi l-esponenti kienu intavolaw kawża Nru 512/89 fl-ismijiet Joseph Borg pro. et nomine vs. Joseph Pace noe. et, liema kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2014.*
> >
> > *2. Illi fis-17 ta' Settembru, 2013 u dan ovvjament qabel ma instema' l-appell, permezz tal-avviż maħruġ mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali anness u immarkat Dok JB1*[1] *, l-esponenti kienu ġew mitluba sabiex jiddepożitaw is-somma ta' €151,016.76, bħala kawtela għall-ispejjeż tal-appell u fin-nuqqas li ssir tali garanzija l-esponenti kienu jitilfu d-dritt li jinstema' l-appell. Illi għalhekk kienet ġiet depożitata garanzija bankarja favur ir-Reġistratur tal-Qorti għas-somma mitluba u dan permezz taċ-ċedola nru 20/2014 annessa u mmarkata Dok JB2.*[2]

[1] A *fol.* 7 tal-proċess, l-ammont kawtela kien: Reġ. €24,685.92 + Av. u P.L. €126,330.84 = €151,016.76.

[2] A *fol.* 8, li kienet tgħid kif ġej: "biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-Appell, jiġifieri: 1. favur tar-Reġistru €24,685.92, 2. favur tad-difensuri €126,330.84 – total €151,016.76. Fid-dokument

*3. Illi din il-kawtela kienet tiggarantixxi l-ispejjeż tal-appell u d-dritt ta' tliet avukati u prokuraturi legali ammontanti għal €126,330.84 kif ukoll l-ispejjeż tar-Reġistru tal-Qorti ammontanti għal €24,685.92. Illi għalhekk l-Avukat u l-Prokuratur Legali ta' kull parti kellu jirċievi l-ammont ta' €42,110.28 bħala dritt dovut għall-appell.*

*4. Illi dawn l-ammonti li l-esponenti ġie kostrett jiddepożita b'ċedola l-Qorti skont il-liġi ġew ikkalkulati u kkonfermati mill-intimat stess u dan kif joħroġ ċar minn risposta tiegħu stess tat-12 ta' Diċembru, 2013 annessa u mmarkata Dok JB3[3], liema risposta ġiet intavolata wara li l-esponenti kien ikkontesta l-kalkoli magħmula ġialadarba dawn kienu jinkludu l-ispejjeż tal-intervenuti in kawża. Illi permezz tal-imsemmija risposta l-intimat kien ikkonferma illi huwa ħadem il-kawtela skont il-kuxjenza u skont il-liġi u li kellhom jitħallsu tliet avukati u prokuraturi legali, u mhux erbgħa, oltre ovjament l-ispejjeż tar-Reġistru.*

*5. Illi l-kawtela kienet tiggarantixxi il-ħlas tad-dritt tal-avukati u prokuraturi legali tal-appell tal-partijiet HSBC Bank Malta Plc, Paola Developments Limited u Vica Limited. Illi Terry Limited ma kellhiex locus standi fl-Appell minħabba l-ammissjoni li kienet ġiet reġistrata minn Joseph Pace nomine waqt li l-kawża kienet qiegħda tinstema' quddiem il-Prim Awla, b'liema ammissjoni l-istess Terry Limited weħlet l-ispejjeż tal-kawża tagħha. Illi tajjeb li jingħad illi hemm żball pależ fit-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti ġialadarba Joseph Pace ma kienx imħarrek fil- kawża f'ismu proprju imma ġie imħarrek bħala rappreżentant tas-soċjetà Terry Limited u għalhekk m'għandhomx jiġu kkalkulati spejjeż doppji f'żewġ kolonni differenti.*

*6. Illi s-soċjetà Terry Limited ma kinitx parti fl-appell, ma kinitx rappreżentata fl-appell u għalhekk ma kien hemm l-ebda spejjeż jew dritt dovut lilha għall-appell, u dan kif joħroġ b'mod ampju mit-taxxa stess li qiegħda hawn annessa u mmarkata Dok JB4.* [4]

*7. Illi minkejja dan ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali xorta*

anness a fol. 9, jingħad mill-attur illi din il-garanzija bankarja kienet qed tiġi ddepożitata bla preġudizzju għat-talba tiegħu li tali kawtela m'għandhiex tiġi intaxxata u mitluba fil-konfront tal-intervenuti fil-kawża stante li mhumiex "parti" fil-kawża u rriżerva li jissostitwieha b'oħra f'każ li t-talba tiegħu tintlaqa'. Dokument anness a *fol*. 10, garanzija bankarja ta' Lombard Bank. A *fol*. 11, ittra ta' Lawrence Attard Bezzina, Kap tar-Revenue tad-Dipartiment tal-Qorti fejn jgħid kif għandu jsir l-iżbank. A *fol.* 12 sa 15, talbiet għall-iżbank rispettivament minn l-Avv. Aldo Vella għan-nom ta' Paola Developments Co. Limited, minn Profs. Ian Refalo għan-nom ta' Vica Limited, minn l-Avv. Kris Borg għan-nom Terry Limited u minn l-Avv. Richard Galea Debono għan-nom ta' HSBC Bank Malta plc. A *fol.* 16, nota tal-Avv. Kris Borg fejn iddepożita lura s-somma ta' €7,895.67, liema somma tirrappreżenta d-dritt tal-prokuratur legali, li ma kienx dovut.

[3] A *fol.* 17 u 18, risposta tal-Avv. Noel Bartolo għan-nom tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali għar-rikors tal-Avv. Edward Debono, fejn ġie ribadit li t-taxxa kienet korretta, maħduma hekk: il-valur tar-raba' talba hu fl-ammont ta' Lm977,500 u dan jidher mill-istess risposta tal-attur Joseph Borg a fol. 467 tal-proċess tal-kawża nru 512/89., talbiet oħra ġew intaxxati punt ta' dritt, id-dritt tar-reġistru jammonta għal €24,685.92 u dritt ta' kull avukat li għamel risposta fl-appell (3 b'kollox) inħadem fuq id-dritt tal-avukat fil-Prim'Awla miżjud b'terz: €42,110.28 x 3 = €126,330.84.

[4] A *fol* 19 sa 25 tal-proċess – a *fol.* 25 dritt avukat appell: €31,620 kull wieħed mill-avukati ta' Paola Dev. Co. Ltd., HSBC u Vica Ltd. Taħt il-kolonna Amministratur Provv./Terry Limited- €0 u l-istess dritt prokuratur legali ta' kull wieħed mill-imsemmija tliet avukati: €10,540 u €0 taħt Amministratur Provv./Terry Limited.

*waħda ordna lill-bank Lombard Bank Ltd sabiex iħallas is-somma ta' €31,852.71 lill-amministratur provviżorju tas-soċjetà Terry Limited minkejja illi tali soċjetà ma kinitx parti mill-appell inkwistjoni tant illi l-ebda spejjeż għall-appell ma ġew miżjuda fil-kolonna ta' Terry Limited fit-taxxa minn wara l-għoti tas-sentenza u dan kif joħroġ ċar mid-dokument JB5*[5] *anness.*

*8. Illi effettivament is-somma ta' €126,330.84 ġiet depożitata sabiex tinqasam bejn it-tliet avukati u tliet prokuraturi legali tat-tliet partijiet li kienu parteċipi fl-appell u dan skont l-avviż għall-ħlas tal-kawtela li mibgħut mill-intimat stess, u mhux sabiex jitħallas ukoll l-amministratur provviżorju tas-soċjetà Terry Limited.*

*9. Illi d-Direttur konvenut stess meta ikkalkula l-kawtela kif ukoll meta ħadem it-taxxa odjerna ma inkluda l-ebda ħlas dovut mill-amministratur provviżorju tas-soċjetà Terry Limited, u effettivament ma inkluda l-ebda ħlas dovut jew spiża interkorsa minn Terry Limited għal dak li għandu x'jaqsam mal-appell u dan ukoll minħabba l-fatt illi skond l-istess Direttur, il-kawtela odjerna ġiet ikkalkulata skont il-liġi.*

*10. Illi b'konsegwenza ta' dan, it-tliet avukati u prokuraturi legali tas-soċjetajiet HSBC Bank Malta Plc, Paola Developments Company Limited u Vica Limited, meta sussegwentament marru biex jiżbankaw is-somma ta' €42,110.28 li kienet iggarantita bil-kawtela odjerna, huma tħallsu s-somma ta' €10,527.57 neqsin kull wieħed u dan għaliex l-intimati jew min minnhom b'negliġenza u żball ordna lill-bank Lombard sabiex iħallas lill-amministratur provviżorju tas-soċjetà Terry Limited ammont li ma kienx dovut.*

*11. Illi l-esponenti kien iddepożita is-somma ta' €151,016.76 bħala kawtela taħt ir-responsabbilità tal-intimati jew min minnhom, għall-ispejjeż tal-appell, kemm għall- ispejjeż tar-Reġistru u aktar importanti għall-ħlas tad-drittijiet tat-tliet avukati u prokuraturi legali. Illi minkejja illi l-esponenti ġia iddepożita tali spejjeż taħt ir-responsabbilità tal-intimat u effetivament ġià ħallas dak kollu minnu dovut, huwa xorta waħda llum qed jiġi rinfaċjat b'possibbilità elevata ta' passi legali meħudha fil-konfront tiegħu u dan għaliex Vica Limited u Paola Developments Company Limited li għandhom titolu eżekuttiv kontra l-esponenti ma tħallsux mingħand ir-Reġistratur is-somma kollha lilhom dovut ġià imħallsa mill-esponenti.*

*12. Illi mhux talli hekk, talli minkejja illi l-esponenti kien ġia ddepożita l-ispejjeż kollha dovuti lill-Avukat u Prokuratur Legali tal-bank HSBC Bank Malta Plc, l-istess bank, u dan sempliċiment għaliex huwa rċieva somma anqas minn dik dovuta mir-Reġistratur, intavola mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra l-esponenti Nru 1257/14 anness u mmarkat Dok JB6*[6] *għall-ammont li d-Direttur kien għadda b'negliġenza lil ħaddieħor. Illi għalhekk l-esponenti kien kostrett li minn butu jagħmel tajjeb għal din is-somma u jħallas lill-Bank HSBC minkejja li l-ammont ġia kien ġie depożitat permezz tal-garanzija bankarja. Illi kopja tal-*

[5] A *fol.* 26, fejn fl-ittra lil-Lombard Bank Limited għall-iżbank mibgħuta minn Lawrence Attard Bezzina, *Head Revenue Section* tal-Qorti, inkluda wkoll lil Dr. Kris Borg għan-nom ta' Terry Lmited f'ammont ugwali mat-tlieta l-oħra – €31,582.71 (€23,687.03+ €7,895.67).
[6] A *fol.* 27.

*konferma tal-ħlas qiegħda annessa u mmarkata Dok JB7.*[7]

*13. Illi mhux talli hekk talli l-Avukati ta' Paola Developments Limited, ossija Dr. Aldo Vella, u ta' Vica Limited ossija l-Professur Ian Refalo, li effettivament għandhom favur tagħhom u/jew tal-klijenti tagħhom titolu eżekuttiv, ġià interpellaw lill-esponenti sabiex iħallas l-ammont ta' €10,527.57 oltre l-imgħax legali lil kull wieħed minnhom, u fin-nuqqas huma ser jieħdu passi ġudizzjarji kontra l-esponenti. Illi kopji ta' dawn l-ittri qegħdin jiġu annessi u immarkati Dok. JB8 sa JB10.*[8]

*14. Illi l-esponenti ġià interpella lid-Direttur intimat permezz ta' ittra uffiċjali numru 4059/2014 sabiex l-istess Direttur iħallas lill-Avukati Dr. Ian Refalo u Dr. Aldo Vella is-somma ta' €10,527.57 kull wieħed filwaqt li jirrifondi l-ammont ta' €10,527.57 lill-esponenti liema somma l-esponenti kien kostrett iħallas lil HSBC Bank Malta Plc li kopja tagħha qegħda tiġi annessa u mmarkata Dok JB11.*[9] *Illi minkejja dan l-intimat xorta waħda baqa inadempjenti tant illi b'ittra responsiva tiegħu, annessa u immarkata Dok JB12*[10] *huwa sostna li l-pretensjoni tal-esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*15. Illi dan ir-rikors ġuramentat kif ukoll kull pagament magħmul mill-esponenti lill-HSBC Bank Malta Plc, Vica Limited u/jew ir-rappreżentant legali tagħha, u Paola Developments Company Limited u/jew ir-rappreżentant legali tagħha, saru mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni ta' natura kostituzzjonali li l-esponent talvolta ser jippreżenta ġialadarba l-mod kif ġiet ikkalkulata t-taxxa inkwistjoni u l-mod kif ġie deċiż il-Kap tal-ispejjeż jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*16. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u qiegħed jikkonfermahom Joseph Borg bil-ġurament tiegħu.*[11]

*Għaldaqstant l-esponenti qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:*

*1. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom b'mod abbużiv u illegali ħallsu l-kawtela tal-appell lill-persuna żbaljata u b'dan huma b'negliġenza u /jew żball ħallas is-somma ta' €31,582.71 lill-amministratur provviżorju tas-soċjetà Terry Limited, meta din is-somma ma kinitx dovuta lilu, imma kienet parti mis-somma li kellha titħallas lit-tliet avukati u prokuraturi legali tas-soċjetà HSBC Bank Malta Plc, Vica Limited u Paola Developments Company Limited.*

*2. Tordna lill-intimat iħallas is-somma ta' €10,527.57 oltre l-imgħax legali kull wieħed lill-Avukat Professur Ian Refalo u Dr Aldo Vella rappeżentanti l-ħlas nieqes li huma rċevew minn dak dovut lilhom skont it-taxxa liema somom tħallsu b'negliġenza lill-terzi.*

---

[7] A *fol.* 28.

[8] A *fol.* 29, ittra legali ta' Profs. Ian Refalo u a *fol*. 30 u 31, ittra legali u *e-mail* tal-Avv. Aldo Vella.

[9] A *fol.* 32 sa 34.

[10] A *fol.* 35.

[11] Ġie esebit ukoll dok. JB13 li hi ittra uffiċjali datata u ppreżentata fit-30.01.2015 lill-Avukat Ġenerali, Direttur Qrati Ċivili u Tribunali u Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, a *fol.* 36 u 37 tal-proċess.

*3. Alternattivament, u/jew f'każ li l-esponenti jkun rinfaċċjat b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv u/jew kull mandat ieħor u/jew proċedura ġudizzjarja oħra waqt il-prosegwiment tal-kawża odjerna intavolata minn Dr Aldo Vella u/jew il-Professur Ian Refalo u/jew il-patroċinati tagħhom, tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lill-esponenti is-somma ta' €21,055.14 oltre l-imgħax legali u/jew kull somma oħra li l-esponenti ikun kostrett iħallas lill-imsemmija avukati jew patroċinati tagħhom.*

*4. Tordna lill-intimati iħallsu lill-esponenti s-somma ta' €10,527.57 rappreżentanti s-somma li l-esponenti kien kostrett iħallas lill-HSBC Bank Malta plc, u dan in segwitu għall-mandat ta' sekwestru eżekuttiv Nru 1257/14 intavolat mill-istess bank kontra l-esponenti oltre l-ispejjeż konċernanti l-istess sekwestru u l-imgħax legali mid-data tas-sekwestru.*

*5. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti minħabba n-negliġenza u b'riżerva u mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni ta' natura kostituzzjonali talvolta spettanti lill-esponenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa inġunt għas-subizzjoni u b'riżerva u mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni ta' natura kostituzzjonali talvolta spettanti lill-esponenti".*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Direttur Ġenerali (Qrati)** u tar-**Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Marzu, 2015 u maħlufa minn Emanuel Sciriha, li biha eċċepew:

*"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eċċipjenti mhumiex il-leġittimi kontradittturi għal-lanjanzi attriċi u ġew traxxinati f'dawn il-proċeduri inutilment inter alia peress illi l-esponenti ma ħallsu ebda kawtela tal-appell minn jeddhom lill-ebda persuna. Il-kawtela inkwistjoni ġiet żbankata mill-Avukati u l-Prokuraturi Legali tal-partijiet inkwistjoni wara d-debita talba magħmula minnhom stess, bi qbil bejn il-partijiet. Għalhekk l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*2. Illi kwantu għad-Direttur Ġenerali (Qrati) jiġi rilevat li l-istess eċċipjent mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante li d-Direttur Ġenerali (Qrati) għandu biss mansjoni amministrattiva u kwindi ma jwieġibx għad-domandi attriċi.*

*3. Illi fit-tieni lok u wkoll mingħajr ebda preġudizzju jiġi rilevat illi din il-kawża hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi una volta ġie intaxxat dritt versu l-avukat ta' Terry Limited li ttratta l-appell (u per tant jemerġi favur tiegħu d-dritt skont il-Liġi) liema dritt ma ġie bl-ebda mod attakkat mir-rikorrenti, isegwi li ttalbiet kollha attriċi huma legalment insostenibbli u privi minn kwalsiasi fundament sia fattwali u kif ukoll ta' Liġi.*

*4. Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ġunju, 2014 rigwardanti dan il-każ (Citaż. Nru 512/1989/2) għal dak li għandu x'jaqsam mal-kawtela stabbilita mir-Reġistratur tal-Qorti, "tajjeb*

*wieħed jiċċita s-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-28 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet Joseph Chircop et vs. Salvatore Muscat et fejn intqal li "il-liġi ma timponi ebda kriterji illi fuqhom għandu jaġixxi r- Reġistratur fl-eżerċizzju tal-funzjoni diskrezzjonali tiegħu li jiffissa l-kawtela anki jekk hu naturali li tali ammont għandu jkun determinat fl-isfond tat-talbiet fil-mertu u l-eċċezzjonijiet mogħtija." Il-Qorti però żiedet tgħid li "huwa kellu jibqa' l-aħħar arbitru sakemm jiddeċiedi b'ġudizzju u b'mod raġjonevoli." Il-Qorti f'din is-sentenza irreferiet ukoll għal kawża fl-ismijiet Spiteri vs. Azzopardi deċiża fil-31 ta' Jannar, 1901 fejn intqal li fir-rigward tal-liġi li tirregola l-proċedura, "questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens." (Vol. XXVIII – pt. 1, paġna 19). Għalhekk jidher li l-ġurisprudenza tindika kif għandha tiġi ffissata l-kawtela però ma tindikax kif għandha titqassam. Il-fatt li jidħol appellat ieħor fil-proċedura wara l-iffissar tal-kawtela ma jippreklu dihx milli jieħu sehem mill-istess kawtela depożitata multo magis meta l-appellati l-oħra ma jopponux għal dak l-iżbank.*

*5. Illi huwa risaput li l-kawtela tal-appell tinħadem biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-proċedura. F'dan il-każ meta nħadmet il-kawtela kienu ġew ippreżentati tliet risposti tal-appell mis-soċjetajiet HSBC Bank Malta plc, Vica Limited u Paola Developments Company Limited u kwindi l-kawtela nħadmet fuq id-drittijiet tat-tliet Avukati u Prokuraturi Legali ta' dawn is-soċjetajiet oltre d-dritt tar-Reġistru. Iżda fil-mori tal-appell l-avukat tas-soċjetà Terry Limited ittratta l-appell u kwindi meta l-esponenti Reġistratur ġie biex joħroġ it-taxxa finali tal-kawża huwa intaxxa dritt favur l-avukat ta' Terry Limited skont il-Liġi. In fatti kien l-istess rikorrenti li indika lil Terry Limited bħala appellata.*

*6. Illi għalhekk huwa ċar li l-eċċipjenti bl-ebda mod ma aġixxa b'mod abbużiv u/ jew illegali u bl-ebda mod ma kien negliġenti jew ħallas somom bi żball kif qed jallega r-rikorrenti. Għalhekk huwa ċar li l-ewwel talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*7. Illi kwantu għat-tieni talba attriċi din ukoll hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li huwa ċar li tali spejjeż huma dovuti li jitħallsu mir-rikorrenti u l-esponenti ma jista' qatt jiġi tenut iħallas spejjeż li skont is-sentenza su ċitata ġew allokati lir-rikorrenti. Di più jiġi rilevat li l-eċċipjenti lanqas biss kienu parti f'dawk il-proċeduri u kwindi multo magis kemm jistgħu jiġu tenuti jħallsu tali spejjeż u għalhekk dina t-tieni talba attriċi hija kompletament infondata.*

*8. Illi kwantu għat-tielet talba attriċi, apparti li din it-talba hija għalkollox waħda ipotetika u per tant mhux sostenibbli ġuridikament, bil-qima jingħad illi għall-istess raġunijiet imsemmija fl-eċċezzjoni preċedenti tali spejjeż huma r-responsabbilità unika tar-rikorrenti.*

*9. Illi kwantu għar-raba' talba attriċi, ukoll ma hemm ebda lok li l-esponenti jiġi kkundannat iħallas l-ammont reklamat fl-istess talba peress li hawn ukoll, kif ġja indikat fl-eċċezzjonijiet preċedenti tali spejjeż huma r-responsabbilità unika tar-rikorrenti.*

*10. Illi kwantu għall-ħames talba bil-qima jingħad illi apparti li din it-talba hija legalment monka inkwantu kellha tiġi preċeduta b'talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità, fil-mertu jibqa' l-fatt li din it-talba hija għalkollox infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eċċipjenti ma kkawżaw*

*ebda danni lir-rikorrenti u ma kinux blebda mod negliġenti.*

*11. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti".*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2017 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta ta' llum.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati l-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-atturi kienu intavolaw il-kawża nru 512/99 **(recte: 512/89)** fl-ismijiet Joseph Borg *pro. et noe*. vs. Joseph Pace noe. et li ġiet deċiża fil-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2014. Qabel ma din il-kawża kienet ġiet deċiża fil-Qorti tal-Appell, permezz ta' avviż maħruġ mir-Reġistratur konvenut, l-atturi kienu ġew mitluba jiddepożitaw is-somma ta' €151,016.76 bħala kawtela tal-ispejjeż tal-appell. Din il-kawtela ġiet depożitata mill-atturi permezz ta' garanzija bankarja u ppreżentata b'Ċedola Nru 20/14. Din il-kawtela kienet tiggarantixxi l-ispejjeż tal-appell u d-dritt ta' tliet avukati u prokuraturi legali ammontanti għal €126,330.84, kif ukoll l-ispejjeż tar-Reġistru tal-Qorti ammontanti għal €24,685.92. Skont din il-kawtela l-avukat u l-prokuratur ta' kull parti kellhom jirċievu l-ammont ta' €42,110.28 bħala dritt dovut għall-appell. Meta ġie deċiż l-appell fis-27 ta' Ġunju, 2014 u nħarġet it-taxxa finali ta' drittijiet u spejjeż, l-imsemmija kawtela ma kinitx tkopri d-drittijiet u spejjeż kollha in konnessjoni mal-istess appell.

Fir-Risposta Maħlufa tiegħu r-Reġistratur konvenut ikkonferma illi huwa kien ikkalkula l-kawtela skont il-kuxjenza u skont il-liġi u li kellhom jitħallsu tliet avukati u prokuraturi legali (ta' HSBC Bank Malta plc, Paola Developments Limited u Vica Limited) u mhux ta' erbgħa, apparti l-ispejjeż tar-Reġistru.

L-atturi jikkontendu illi Terry Limited ma kellhiex *locus standi* fl-appell minħabba l-ammissjoni li kienet ġiet reġistrata għan-nom tagħha waqt li l-kawża kienet qiegħda tinstema' quddiem il-Prim'Awla. L-atturi jsostnu li s-soċjetà Terry Limited ma kinitx parti fl-appell u għalhekk ma kien hemm l-ebda spejjeż jew dritt dovut lilha għall-appell. Fil-fatt fil-prim istanza in segwitu għall-ammissjoni tagħha Terry Limited kienet weħlet l-ispejjeż tal-kawża tagħha. L-atturi jgħidu li l-avukat ta' Terry Limited (Dr Kris Borg) ma ppreżentax risposta tal-appell u lanqas kien qed jidher għaliha bħala avukat imma deher bħala amministratur

provviżorju tagħha u allura ma kellux jinħareġ dritt favur tiegħu fit-taxxa finali u ma kellux jitħallas id-dritt indikat fit-taxxa u li kieku huwa ma tħallasx dan id-dritt, l-avukati tal-partijiet l-oħrajn kien ikollhom biżżejjed minn fejn jitħallsu bil-garanzija offruta mill-atturi. L-atturi jgħidu li għalhekk il-konvenuti jew min minnhom għandu jagħmel tajjeb għad-differenza.

Minflok ma sar l-iżbank abbażi ta' kif kienet ġiet ikkalkulata l-kawtela oriġinarjament fuq tliet avukati u prokuraturi legali (tal-partijiet HSBC Bank Malta plc, Paola Developments Limited u Vica Limited), fuq struzzjonijiet tal-Head Revenue Section, Courts of Justice Department lil Lombard Bank Limited[12], l-iżbank sar lil erba' avukati flok tlieta, inkluż lill-avukat ta' Terry Limited Dr Kris Borg li kien ukoll l-amministratur provviżorju tagħha u għalhekk ġew żbankati lil kull parti (x 4) €31,582.71 minflok €42,110.28. B'konsegwenza ta' dan it-tliet avukati u prokuraturi legali tas-soċjetajiet HSBC Bank Malta plc, Paola Developments Limited u Vica Limited, meta marru biex jiżbankaw is-somma ta' €42,110.28 li kienet iggarantita bil-kawtela, huma tħallsu €10,527.57 inqas kull wieħed u dan għax il-konvenuti jew min minnhom b'negliġenza jew żball ordna lill-bank Lombard sabiex iħallas lill-amministratur provviżorju tas-soċjetà Terry Limited ammont li ma kienx dovut.

Il-konvenuti laqgħu għal dawn it-talbiet billi eċċepew preliminarjament li (i) huma mhux il-leġittimi kontradditturi stante li l-iżbank sar fuq talba tal-partijiet, li qablu bejniethom kif kellha tiġi maqsuma l-kawtela bejniethom; (ii) id-Direttur Ġenerali (Qrati) mhux leġittimu kontradittur stante li l-funzjoni tiegħu hi biss amministrattiva; (iii) ladarba ġie wkoll intaxxat dritt favur l-avukat ta' Terry Limited, li ma ġiex attakkat mill-atturi, it-talbiet tal-atturi huma insostenibbli legalment; (iv) il-fatt li daħal appellat ieħor fl-appell, proprju l-avukat ta' Terry Limited, wara li kienet diġà inħadmet il-kawtela, ma tippreklud iehx milli jipparteċipa mill-istess kawtela depożitata speċjalment jekk ikun hemm qbil mill-partijiet li qed jiżbankaw. Meta nħadmet il-kawtela kienu biss tliet partijiet li ppreżentaw risposti. Iżda fil-mori tal-Appell deher l-avukat ta' Terry Limited u ttratta l-appell u kwindi kellu jiġi wkoll intaxxat dritt favur l-avukat ta' Terry Limited; (v) dwar it-talbiet in partikolari ġie eċċepit li l-ewwel talba hija infondata għax ma kien hemm ebda negliġenza da parti tal-konvenuti; (vi) it-tieni talba għall-ħlas tal-bilanċ tal-ispejjeż lill-avukati tas-soċjetajiet Paola Developments Limited u ta' Vica Limited hi infondata stante li l-konvenuti qatt ma kienu parti fil-kawża li ordnat l-ispejjeż; (vii) it-tielet talba hi inammissibbli għax ipotetika; (viii) ir-raba' talba wkoll hi inammissibli għax huma biss l-atturi li huma responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż; (ix) il-ħames talba hi proċeduralment żbaljata għax kellha tiġi ppreċeduta b'talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbiltà għad-danni u fi kwalunkwe każ il-konvenuti ma kkawżaw ebda danni lill-atturi.

[12] A *fol.* 26 tal-proċess.

Bħala retroxena għandu jingħad illi din il-kawża hi waħda minn sensiela ta' kawżi li ilhom għaddejjin għexieren ta' snin, li kienu nbdew sabiex jiġi ddikjarat mill-Qorti illi l-kuntratt ta' trasferiment ta' żewġ porzjonijiet art magħrufa bħala "Ta' Zilfa" u "Ta' Beligna" limiti tal-Fgura, datat 8 ta' Diċembru, 1981, kien sar kontra l-volontà tal-attur *proprio et nomine* u b'vizzju tal-kunsens tal-istess, b'riżultat ta' vjolenza, qerq u theddid u mingħajr ma kien verament għadda ħlas fuq l-istess kuntratt. Dan wassal għal diversi kawżi oħrajn u sentenzi, inkluża l-kawża odjerna.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Fix-xhieda tiegħu l-attur **Joseph Borg**[13] jgħid li hu kien ħallas il-kawtela kollha skont l-avviż maħruġ mir-Reġistratur tal-Qorti, għalkemm ma kienx jaqbel li kellu jħallas sehem lill-intervenuti fil-kawża, liema kontestazzjoni ma tiffurmax parti mill-mertu tal-kawża odjerna. Din il-kawtela kienet tammonta għal €42,110.82 lil kull wieħed mill-avukati prokuraturi legali tat-tliet soċjetajiet Paola Developments Co. Limited, Vica Limited u HSBC Bank Malta plc u dan apparti d-dritt tar-Reġistru li kien jammonta għal €24,685.92. B'hekk il-kawtela kienet tammonta komplessivament għal €151,016.76. Kif ingħad fir-rikors promotur, parti minn din is-somma ġiet żbankata wkoll mill-avukat ta' Terry Limited u għalhekk il-partijiet l-oħra kien għad fadlilhom jitħallsu €10,527.57 kull wieħed, apparti li lill-HSBC l-atturi kienu diġà ħallsuh dik is-somma biex ikun jista' jneħħi mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

L-attur Joseph Borg jispjega li kwantu għal Terry Limited, din ma kellhiex titħallas mill-kawtela għax kienet ammettiet it-talba meta l-kawża kienet għadha qiegħda tinstema' mill-Prim'Awla u għalhekk tilfet id-dritt li tappella, kif ikkonkludiet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' April, 2006.[14] Meta l-Avv. Kris Borg ġie maħtur stralċjarju ta' Terry Limited u deher għas-smigħ quddiem il-Qorti tal-Appell, ladarba s-soċjetà Terry Limited kienet ammettiet it-talba, hu kien preżenti biss bħala spettatur fil-proċeduri u bħala stralċjarju u mhux bħala avukat tas-soċjetà.

Wara li kien sar l-iżbank tal-kawtela bl-inklużjoni ta' Terry Limited, l-attur Joseph Borg jgħid li kien kellem lil Lawrence Attard Bezzina l-Head of Revenue Section tad-Dipartiment tal-Qorti tal-Ġustizzja "u dan ta daqqa fuq moħħu" u qallu li kien sar żball. Talbu jinżel miegħu r-Reġistru biex jikkonsulta ma' ħaddieħor, iżda baqa' kollox l-istess. Joseph Borg jgħid ukoll li t-taxxa addizzjonali li kien ħareġ ir-Reġistratur favur l-avukat ta' Terry Limited kienet inħarġet wara li diġà kien sar l-iżbank. L-attur Joseph Borg jgħid illi huwa qed jippretendi li jiġi rimburżat mill-konvenuti jew minn minhom minħabba dan l-iżball tar-Reġistratur.

Fix-xhieda tiegħu l-attur Joseph Borg spjega li l-garanzija li kienet saret mal-Lombard Bank, ħarġet minn JEM Investments u din bħall-kumpannija Marks & Charles Limited hija tal-familja tiegħu. Għalkemm

[13] Affidavit a *fol*. 53 sa 56.
[14] Appell Ċivili Numru 512/1989/1.

distinti minn xulxin, dawn iż-żewġ kumpanniji għandhom l-istess *shareholders* u diretturi. In kontroeżami, l-attur Joseph Borg mitlub jeżebixxi il-*memorandum of associaton* taż-żewġ kumpanniji, esebixxa estratt uffiċjali biss ta' Marks & Charles Limited.[15]

L-attur Joseph Borg in kontroeżami[16] kkonfrontat bil-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2014[17] tal-Qorti tal-Appell li abbażi tiegħu kien sar l-iżbank mertu ta' din il-kawża, fejn skont dan il-verbal kien "deher ukoll l-Avv. Kris Borg u l-partijiet ittrattaw l-appell", l-attur jgħid li madankollu l-Avukat Kris Borg ma ttrattax, kien biss preżenti u filwaqt li l-avukati l-oħrajn kienu hemm bħala avukati tal-partijiet, fil-verbal hemm verbalizzat li "deher Dr Kris Borg għal Terry Limited, bħala likwidatur ta' Terry Limited." L-attur Joseph Borg ikkonferma li l-Avukat Kris Borg kien iddepożita lura l-ammont li kien żbankat għall-prokuratur legali ta' Terry Limited u dan stante li s-soċjetà Terry Limited ma kellhiex prokuratur legali fl-istadju tal-appell.

Mistoqsi dwar it-taxxa addizzjonali li kienet inħarġet, esebita minn Emanuel Sciriha ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali,[18] Joseph Borg jgħid li ma jiftakarx eżatt meta sar jaf biha, però jgħid li ma jafx li l-avukat tiegħu għamel kawża ta' ritassa. Joseph Borg jgħid li sar jaf bl-iżbank li sar minn Lombard Bank biss meta kien irċieva *statement* normali tal-bank.

**Lawrence Attard Bezzina**, Head *Revenue Sectio*n tal-Qorti, ikkonferma fix-xhieda tiegħu l-ittra li huwa kien bagħat lil Lombard Bank bl-istruzzjonijiet dwar kif kellu jsir l-iżbank[19] fejn kien inkluż ukoll il-ħlas lil Dr Kris Borg bħala avukat ta' Terry Limited u spjega li hu ma jidħolx fl-ifformular tat-taxxa u sempliċement meta tispiċċa kawża, is-*software* ittellagħilhom fuq l-i*screen* u joħorġu l-listi ta' dawk li jridu jitħallsu. F'dan il-każ minħabba li kienet kawtela b'garanzija u kienet lesta biex tinġabar, ma indaħalx dwar kif kellha tinqasam u l-ismijiet, ċjoè Prof. Ian Refalo bħala avukat ta' Vica Limited, Dr Kris Borg bħala avukat ta' Terry Limited, Dr Aldo Vella bħala avukat ta' Paola Developments Limited u Dr Richard Galea Debono bħala avukat ta' HSBC Bank Malta plc, l-erbgħa li huma fis-somma ta' €31,582.71 (€23,687.03 + €7,895.67), kien ġabhom wara li ddiskuta l-kwistjoni mar-Reġistratur u dan tah l-istruzzjonijiet bil-miktub dwar kif kellu jipproċedi.

**Il-P.L. Eunice Attard Fiorini**[20] Assistent Reġistratur tal-Qorti, xehdet illi hija kienet laqqgħet flimkien fl-uffiċċju tagħha lill-erba' avukati inkwistjoni, ċjoè Prof. Ian Refalo, Dr Kris Borg, Dr Aldo Vella u Dr Richard Galea Debono biex tavżahom li l-kawtela ma kinitx biżżejjed biex jitħallsu kompletament l-erba' li huma u dawn waslu fi ftehim li

[15] A *fol.* 249 sa 263.
[16] A *fol.* 274 sa 282.
[17] A *fol.* 270 u 271.
[18] A *fol.* 72.
[19] A *fol.* 11 (u kopja wkoll tinsab a *fol.* 26 ) tal-proċess.
[20] A *fol.* 63 sa 68 tal-proċess.

kulħadd jieħu indaqs l-istess ammont imma inqas minn dak li kien lilhom dovut. Ikkonfrontata bit-taxxa li ħarġet l-ewwel darba li nħadmet fit-22 ta' Lulju, 2014, li fiha ma hemm inkluż l-ebda dritt għall-appell lil Dr Kris Borg, ix-xhud Eunice Attard Fiorini tgħid illi però kienet inħarġet taxxa addizzjonali. Ix-xhud tgħid li ma kellhiex e-mails li bihom ikkomunikat mal-avukati għax kienet taf li dawn ikunu ta' spiss il-Qorti u kienet se tkellimhom appena tarahom. Ix-xhud ippromettiet li tippreżenta kopja tal-iżbank u tat-taxxa addizzjonali, però qalet li kawteli mhux hi taħdimhom.

Ix-xhud Eunice Attard Fiorini tgħid li fil-fatt tiftakar li kienu sabu xi żball peress li oriġinarjament tħalla barra Dr Kris Borg li kien ittratta quddiem il-Qorti tal-Appell. Però konfrontata bil-fatt li fil-verbal tal-Qorti tal-Appell kien hemm li Dr Kris Borg kien deher bħala stralċjarju ta' Terry Limited, ix-xhud tgħid li dik kienet ħaġa li trid tiddeċidiha l-Qorti.

Fil-fatt il-kopji tal-iżbank u tat-taxxa addizzjonali ġew ippreżentati minn **Emanuel Sciriha**, Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, imma dawn kienu diġà esebiti mill-atturi mar-rikors maħluf tagħhom. Emanuel Sciriha esebixxa t-taxxa addizzjonali li nħadmet fl-10 ta' Settembru, 2014[21] u diversi dokumenti oħrajn li diġà kienu esebiti mar-Rikors Maħluf, inkluż (1) iċ-ċedola tad-depożitu bin-notamenti fuqha tal-iżbank; u (2) kopja tal-garanzija tal-Lombard Bank, bin-notamenti fuqha meta l-garanzija bankarja ġiet irtirata.[22] Iċ-ċedola ta' depożitu kellha fuqha t-timbru 'ZBANKATI' u miktub bl-idejn 'dritt favur difensuri: €31,582.71 Dr R.G.D (Richard Galea Debono), Prof. Refalo, Dr A. Vella bid-data 18.08.14 u firma u taħt bl-idejn ukoll dritt favur Dr Kris Borg u firma u €23,687.03. Hemm ukoll timbru ta' Marvic Farrugia Deputy Registrar. Il-kopja tal-garanzija bankarja għandha fuqha notament bl-idejn 'Garanzija Bankarja irtirata 18.08.14'. Il-Qorti tirrileva illi l-iżbank sar qabel ma nħadmet it-taxxa addizzjonali.

**Rita Falzon**, Deputat Reġistratur fil-Qorti tal-Appell ikkonfermat[23] li kienet hi li bagħtet l-avviż a *fol*. 7 tal-proċess lill-attur *pro et nomine* fejn kien mitlub l-ammont ta' kawtela fl-ammont ta' €151,016.76 konsistenti fi Reġistru: €24,685.92 u Avv. u P.L. €126,330.84. Hi spjegat li taħdem l-ammont billi tara l-ewwel it-taxxa tal-Prim'Awla u jekk tkun maħduma sew iżżid terz fuqha. Id-depożitu ta' kawtela ta' persuna waħda ġie €42,110.28, però minħabba li kien hemm tliet risposti tal-appell, inħadmu fuq tlieta, bit-total jaqbel ma' dak li kienet bagħtet hi. Din inħadmet sat-13 ta' Settembru, 2013, għax sa dakinhar kien skada it-terminu għar-risposti. Ix-xhud spjegat li t-taxxa finali ma toħroġhiex hi u li dak l-ammont jiggarantixxi sar-risposti li jkunu daħlu sa dakinhar.

Xehed ukoll **Quentin Tanti,** rappreżentant tal-MFSA u tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, li esebixxa dokument notifikat minn Dr Kris Borg ai termini tal-Artikolu 235(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji, li jgħid li kien ġie

[21] A *fol.* 72.
[22] Kopja ppreżentata mir-Reġistratur esebita a *fol.* 76.
[23] A *fol*. 83 sa 86.

maħtur likwidatur ta' Terry Limited mill-Qorti fit-23 ta' Frar, 2011.[24]

**L-Avukat Dr. Kris Borg**[25] jikkonferma fix-xhieda li ta fl-20 ta' Jannar, 2016 li kien ġie appuntat likwidatur ta' Terry Limited fl-2011 u żied jgħid li kien baqa' f'dik il-kariga sa Novembru 2015. Ix-xhud jgħid li kien aġixxa wkoll bħala avukat ta' Terry Limited meta kien likwidatur, sija quddiem il-Prim'Awla u sija quddiem il-Qorti tal-Appell u qal li kien qed jilbes żewġt ikpiepel. Ix-xhud jgħid li ma jidhirlux li kien għamel risposta tal-appell, però jgħid li kien ittratta. Mistoqsi jekk jafx li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 6 ta' April, 2006 kienet qalet li Terry Limited kienet tilfet id-dritt ta' appell minħabba l-ammissjoni ta' Terry Limited, Dr Kris Borg wieġeb li l-aħħar sentenza tal-Qorti tal-Appell iddikjarat dik l-istess ammissjoni bħala fażulla. Ix-xhud iżid jgħid illi bħala avukat kien anki ħadem fuq xi noti ta' sottomissjonijiet li wara ġew iffirmati mill-avukati tal-konvenuti kollha. Dr Kris Borg jgħid illi kien anki ttratta rigward il-kawtela quddiem il-Qorti tal-Appell li dwarha llum hemm din il-kawża.

Dwar il-kawtela u lil minn tkopri, ix-xhud Dr Kris Borg jiftakar li kien hemm xi problema għax ma kinitx tkopri l-ammont kollu u kien kellem lir-Reġistratur u saret emenda fit-taxxa. Dwar l-kawtela għall-prokuratur legali ta' Terry Limited jgħid li din reġa' ddepożita għax qatt ma kien hemm prokuratur legali involut.[26]

**L-Avukat Dr Ralph Agius Fernandez**, rapprezentant ta' HSBC Bank Malta plc, ikkonferma li l-bank kien ħareġ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1257/2014 kontra l-atturi u dan stante li l-bank ma kienx tħallas l-ammont kollu tal-kawtela fl-appell minħabba xi żball tar-Reġistru tal-Qorti u l-atturi kienu ħallsu d-differenza u l-bank ħareġ il-kontromandat opportun. Ix-xhud għamel riferiment għal ittra tiegħu stess[27] fejn ikkonferma li apparti li l-bank żbanka €31,582 mill-garanzija bankarja, tħallas id-differenza li kien baqa' b'ċekk fis-somma ta' €14,933.97 li kienu jinkludu wkoll spejjeż inkorsi mill-bank.

**Glenn Barry**[28], *Manager* fil-*Credit Department* ta' Lombard Bank, spjega li il-garanzija bankarja 2014/03 li kienet inħarġet lil Joseph Borg f'ismu u in rappreżentanza tas-soċjetà Marks and Charles Limited għall-ispejjeż tal-appell, inħarġet fuq talba ta' Joseph Borg f'isem il-kumpannija JME Investments Limited. Fit-12 ta' Awwissu, 2014[29] ġew mitluba minn Lawrence Attard Bezzina uffiċjal tal-Qorti biex jirrilaxxjaw il-garanzija u fit-18 ta' Awwissu, 2014 ġew rilaxxjati ċ-ċekkijiet. Fost id-dokumenti li esebixxa x-xhud kien hemm kopji taċ-ċekkijiet f'isem Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ta' Malta (fis-somma ta' €24,685.92)

[24] A *fol.* 92.
[25] A *fol.* 93 sa 97 tal-proċess.
[26] Id-depożitu lura tas-somma tal-prokuratur legali fl-ammont ta' €7,895.67 saret fis-7 ta' Ottubru, 2014.
[27] A *fol.* 161.
[28] A *fol.* 275 sa 277.
[29] A *fol.* 278.

u erbgħa oħra fis-somma ta' €31,582.71 kull wieħed f'isem Dr Kris Borg, Prof. Ian Refalo, Dr Aldo Vella u Dr Richard Galea Debono, il-ħames ċekkijiet li huma datati 18 ta' Awwissu, 2014.[30] Dan ix-xhud ippeżenta wkoll dokument[31], li kien diġà esebit kemm mill-attur u kemm mir-Reġistratur konvenut, li huwa t-talba għall-iżbank minn Lawrence Attard Bezzina u istruzzjonijiet dwar kif kellhom isiru l-pagamenti, li fih però notament bl-idejn li jgħid "*Meeting with Mr Borg 22.08.2014, handed copy of claim*". Fuq l-istess dokument hemm il-firem tal-persuni li ġabru ċ-ċekkijiet.

Fix-xhieda tiegħu l-konvenut **Emanuel Sciriha**[32], Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, ikkonferma l-avviż li ntbgħat lill-attur fis-17 ta' Settembru, 2013 biex titħallas il-kawtela. Ix-xhud ikkonferma li Lawrence Attard Bezzina kien kiteb lil Lombard Bank dwar l-iżbank fit-12 ta' Awwissu, 2014 u l-bank tahom appuntament għat-18 ta' Awwissu, 2014. Ix-xhud qal li t-taxxa addizzjonali però nħarġet fl-10 ta' Settembru, 2014. Filwaqt li x-xhud għall-ewwel qal li ma ġewx żbankat il-flus qabel ma nħarġet it-taxxa addizzjonali, ikkonferma li f'Awwissu, 2014 effettivament huma kienu taw struzzjonijiet lill-bank għall-iżbank biex joħroġ il-flus qabel.

Emanuel Sciriha kkonferma li oriġinarjament il-kawtela nħadmet fuq il-bażi ta' tliet risposti tal-appell u ġie stabbilit l-ammont korrett tal-kawtela, ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell, però wara rriżulta li għalkemm ma saritx risposta tal-appell minn Terry Limited u peress li ma jeżistix il-kunċett ta' kontumaċja fl-appell, xorta deher l-avukat ta' Terry Limited u ttratta quddiem il-Qorti tal-Appell. Għalhekk inħarġet taxxa addizzjonali u mhux taxxa korretta, għax l-ewwel taxxa kienet korretta sa ċertu data.

Il-kawtela, li baqgħet dik oriġinali, ġiet maqsuma bejn l-erba' avukati wara li qablu dwar dan ilkoll kemm huma. Ix-xhud jgħid illi ma kinux involvew lill-attur, però jaf li l-attur kien kellmu meta ilmenta miegħu fuq mandat li kien irċieva, ossija l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ mill-HSBC, u allura wara li kien diġà sar l-iżbank.

Dwar l-ewwel taxxa li kienet inħarġet, ir-Reġistratur konvenut ikkonferma li kien skada it-terminu biex tintalab ritassazzjoni, però qal li bħala Reġistratur ma kien hemm xejn x'iżommu milli jikkoreġi żball amministrattiv f'taxxa. Ix-xhud ikkonferma[33] li meta nħadmet it-taxxa wara li nqagħtet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2017 **(recte: 2014),** jiftakar li avviċinahom l-avukat Kris Borg u qalilhom li ma kinux inkludew id-dritt tiegħu. Ix-xhud spjega li l-kawtela kienet maħduma fuq it-tliet risposti tal-appell (li għalhekk jinkludu dritt ta' tliet avukati u tliet prokuraturi legali), però wara rriżultalu li Dr Kris Borg għar-raba' parti kien ittratta fl-appell u peress li ma kienx hemm involut

---

[30] A *fol.* 280 sa 284.
[31] A *fol.* 285.
[32] A *fol.* 163 sa 169.
[33] A *fol.* 306 sa 309.

prokuratur legali tant li ma saritx risposta iżda biss trattazzjoni, u l-kawtela ġiet maqsuma f'ammonti ugwali, Dr Borg iddepozita lura is-somma ta' €7,895.67, l-ammont tal-prokuratur legali, fl-atti taċ-ċedola numru 20/2014 u għadu hekk depożitat sal-lum.

In kontroeżami r-Reġistratur konvenut ikkonferma li meta ġew żbankati l-flus, kienet għadha ma nħarġitx it-taxxa addizzjonali u dan kien seħħ 'il għaliex filwaqt li kienu għaddejjin id-diskussjonijiet mal-erba' avukati, dipartiment ieħor tal-Qorti fis-sezzjoni ta' Lawrence Attard Bezzina kien laħaq għamel it-talba għall-iżbank. Ix-xhud qal li kieku ma laħqitx inħarġet it-talba għall-iżbank, bit-taxxa addizzjonali kienu jindunaw bl-iżball tal-ħlas tad-dritt tal-prokuratur legali. It-taxxa addizzjonali kienet inħarġet fuq ordni tiegħu bbażata fuq il-verbal tal-udjenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Mejju, 2014 u fuq dak li kien qalilhom Dr Kris Borg stess. Il-Qorti tirrileva li t-taxxa addizzjonali kienet imfassla b'mod li fir-rigward ta' Terry Limited ma kien hemm xejn dovut lill-prokuratur legali u d-dritt tal-avukat tagħha waħdu kien jammonta għal €31,620.00.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi kif diġà ngħad, din il-kawża hija biss waħda minn sensiela twila ta' kawżi li nibtu wara xulxin. Ser jingħata riassunt qasir dwar dawn il-kawżi peress li waħda mir-raġunijiet invokati mill-atturi għalfejn ma kellhomx jiġu intaxxati drittijiet tal-avukat ta' Terry Limited, hija li Terry Limited kienet ammettiet it-talbiet attriċi quddiem il-Prim'Awla u f'sentenza minnhom, dik tas-6 ta' April, 2006, il-Qorti tal-Appell[34] għamlitha ċara li għalhekk Terry Limited ma setgħetx tipparteċipa fl-appell.

F'sentenza fl-ismijiet ***Joseph Borg pro. et noe. vs. Joseph Pace noe. et***[35] il-Qorti laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi fis-sens li l-attur pro. et noe. kien sfurzat li jagħti l-kunsens tiegħu bl-użu ta' vjolenza meta sar il-kuntratt tal-1981 tat-trasferiment tal-art u għaldaqstant il-konvenuti sofrew danni.

F'dik is-sentenza ngħad ukoll:

> "Illi fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2003, il-konvenut Joseph Pace għan-nom tas-soċjetà Terry Limited ippreżenta "nota ta' ammissjoni għat-talbiet attriċi" fejn dana ammetta l-fatti allegati mill-atturi u li saru għad-dannu tiegħu *proprio et nomine* u a benefiċċju ta' Terry Limited. Huwa aċċetta wkoll li d-danni sofferti mill-attur Joseph Borg jammontaw għas-somma ta' Lm460,000... *omissis* ... Din il-Qorti wara li eżaminat l-inkartament u l-provi miġjuba hi tal-fehma li l-ammissjoni da parti tal-konvenut Joseph Pace, li fiha nnifisa hi prova kardinali, hija wkoll sostnuta mill-fatti".

Saru tliet appelli minn din id-deċiżjoni, mill-amministratur provviżorju ta' Terry Limited, dak iż-żmien l-Avv. Peter Fenech, appell tat-terz minn

---

[34] Appell Ċivili Numru 512/1989/1.
[35] P.A., 18.06.2004, a *fol.* 132 sa 146.

HSBC Malta plc u kif ukoll appell inċidentali tal-atturi. Dawn l-appelli ġew deċiżi fis-6 ta' April, 2006 fejn il-Qorti tal-Appell qalet:

> "Dan ifisser li l-appell tat-terz huwa dritt awtonomu fis-sens li għandu ħajja distinta u separata minn dik tal-partijiet fil-kawża. Dana qiegħed jingħad għar-raġuni li fil-kawża in eżami, in konsegwenza tal-ammissjoni tiegħu, il-konvenut nomine tilef id-dritt tiegħu milli jappella. Huwa evidenti għalhekk li l-ammissjoni tal-konvenut Joseph Pace nomine, filwaqt li ċertament tibqa' ġġorr magħha konsegwenzi legali rilevanti, ma tipprekludix il-possibilità ta' dritt ta' appell min-naħa tat-terz interessat. Dan il-punt, jiġifieri x'jiġri f'każi fejn tkun ġiet reġistrata ammissjoni mill-parti konvenuta, ġià kien mistħarreġ u deċiż minn dawn il-Qrati. Hekk fil-kawża fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited *noe*. et vs. Simon Tabone** deċiża fit-28 ta' April, 2004, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ġie korrettement ritenut li, "Kwantu għall-aspett tal-appellabilità o meno tas-sentenza hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-fatt illi l-konvenut ammetta t-talba ma jipprekludix lit-terz interessat milli jipproponi l-appell. Anzi din il-Qorti ma tħossx illi l-effetti tal-Artikolu 228(1) jistgħu jestendu għal terzi li ma kienux komparteċipi fil-ġudizzju. Iżżid taġġunġi wkoll illi allaħares l-interpretazzjoni tas-soċjetajiet appellati kellha tiġi sostenuta jew abbraċċjata għax allura jkun wisq faċli illi bi ftehim, jekk mhux b'kollużjoni, il-partijiet f'kawża jkunu jistgħu jinnewtralizzaw id-dritt tat-terz interessat li jappella".

Il-Qorti tal-Appell kompliet tgħid:

> "Jekk imbagħad kellu invece jirriżulta li l-aġir tal-attur pro. et nomine u ta' Joseph Pace *nomine* kien frott il-qerq u għemil doluż u kriminuż kif jagħti wkoll x'jifhem il-Bank appellant, allura jsegwi li (dejjem jekk inhuwa tassew hekk) ħadd u xejn ma jista' jżomm il-Bank appellant milli jieħu dawk il-proċeduri legali li l-liġi tagħti, għaliex il-liġi ma tagħti ebda kenn lil min jopera permezz tal-qerq u ingann. Imma jekk dan huwa tassew il-każ, il-Bank appellant ma jistax jippretendi li dak li ma sarx quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, isir issa quddiem din il-Qorti, li hija Qorti ta' reviżjoni. Ikun utli li jiġi hawn rilevat li l-ewwel Qorti qagħdet attenta illi tagħmilha ċara li hija ma kinitx straħet biss fuq il-fatt li f'ċertu stadju tal-kawża l-konvenut Joseph Pace nomine ppreżenta nota ta' ammissjoni, imma għamlitha wkoll ċara li l-ammissjoni tal-konvenut Joseph Pace pro. et nomine "hija wkoll sostnuta mill-fatti" u sa anke ħasset il-ħtieġa li tissottolineja dan biex tagħtiha aktar enfasi".

Illi finalment il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li:

> "Għal dawn il-motivi, tiddeċiedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza in parte mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ġunju, 2004, qegħda għar-raġunijiet suesposti tirrespinġi kemm l-appell interpost mill-Amministratur Provviżorju għan-nom tas-soċjetà Terry Limited Reġ. No. C4920 fil-persuna ta' l-Avukat Dottor Peter Fenech u ttenni l-ordni ġià mogħti aktar 'l fuq f'din is-sentenza sabiex ir-rikors tiegħu jiġi sfilzat, kif ukoll l-appell magħmul minn HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)..... Il-Qorti fl-aħħarnett tordna li l-atti tal-kawża jiġu mill-iktar fis rimessi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili biex hija tkompli tisma' u tiddeċiedi dwar it-talbiet l-oħra li għadhom pendenti".

Fil-kawża quddiem il-Prim'Awla, fejn intervjenew in statu et terminis HSBC Bank Malta p.l.c., Vica Limited u Paola Development Co. Limited, ingħatat sentenza fis-17 ta' Ġunju, 2010, fejn ingħad li:

> "Illi fid-dawl ta' dan kollu, u anke fil-kuntest ta' dak li ingħad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza hawn ċitata, din il-Qorti tħoss li dak li ġie allegat mis-soċjetajiet intervenuti fil-kawża ġie ppruvat, u l-ammissjoni tas-soċjetà Terry Limited hija frott tal-kollużjoni li teżisti bejnha u bejn l-atturi odjerni u in partikolari Joseph Borg, u dan huwa abbuż kbir u serju tal-proċeduri ġudizzjarji, minħabba li dan huwa att frawdolenti fil-konfront tal-kredituri tas-soċjetà Terry Limited. Din il-Qorti tħoss li huwa sintomatiku l-kliem tal-Onorabbli Qorti tal-Appell "li liġi ma tagħti ebda kenn lil minn jopera permezz ta' qerq u ingann" (sentenza datata 6 ta' April, 2006) u din il-Qorti taqbel perfettament mal-istess u għalhekk waslet għall-kunsiderazzjonijiet u konklużjonijiet hawn indikati f'din is-sentenza li jwassluha sabiex tiċħad it-tielet u r-raba' talba attriċi".

It-talbiet l-oħrajn fil-mertu ġew deċiżi b'dan il-mod:

> "Illi għalhekk fil-kuntest tal-azzjoni attriċi għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba attriċi stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet hawn deċiżi. Bl-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni a karigu tal-atturi. Illi dwar il-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta Terry Limited, għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi tiċħad it-tieni talba tal-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta Terry Limited, iżda tilqa' l-ewwel talba tal-kontro-talba biss kif hawn deċiż, u għar-raġunijiet hawn deċiżi, b'dan illi:-
>
> 1. Tirrevoka l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni Nru 6/89 fl-ismijiet "***Joseph Borg pro. et noe. vs. Joseph Pace noe***." maħruġ mill-Qorti tal-Kummerċ fl-20 ta' April 1989 *stante* li ma ġiex segwit b'ċitazzjoni skont it-termini tal-istess mandat.
>
> Bl-ispejjeż tal-kontro-talba għandhom jiġu sopportati bin-nofs bejn l-atturi u s-soċjeta' konvenuta Terry Limited".

Sar appell minn din is-sentenza mill-atturi odjerni u saru risposti mit-tliet intervenuti fil-kawża. Proprju hawnhekk tidħol il-kwistjoni tal-kawtela mertu ta' din il-kawża meta ntbagħat l-avviż mill-Qorti lill-attur pro. et noe. biex iħallas il-kawtela. Filwaqt li ħallas il-kawtela, l-attur pro. et noe. xorta kkontesta tramite l-Avv. Dr Edward Debono, li ma kellux jagħmel kawtela għall-intervenuti fil-kawża stante li dawn proprjament mhumiex "parti" fil-kawża. Però l-Qorti tal-Appell permezz ta' digriet tal-21 ta' Jannar, 2014 ċaħdet it-talba fuq punt proċedurali.

Fl-aħħar deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ġunju, 2014 intqal:

> "Dan jingħad ukoll fir-rigward tal-ammissjoni ta' Joseph Pace tas-16 ta' Ottubru, 2003 fejn ammetta t-talbiet attriċi u qabel li l-ammont taddanni kien ta' erba' mija u sittin elf Lira Maltin (Lm460,000), nofs il-valur tal-artijiet trasferiti lil Terry Limited u ċioè snin wara li s-soċjetà tiegħu Terry Limited daħlet f'konvenju biex tittrasferixxi l-istess proprjetà. Għamlet sewwa l-ewwel Qorti illi ma tatx affidabilità lil din l-ammissjoni għaliex

f'dak l-istadju Joseph Pace mhux tant jammetti t-talba kien qiegħed iżda jikkolludi mal-attur u anke hawn il-Qorti ma għandhiex tippermetti din it-tip ta' kollużjoni tinfluwenza d-deċiżjoni tagħha u dwar dan hemm ukoll riferenza fis-sentenza fl-ismijiet Vica Limited vs. Terry Limited deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju, 2010 fejn Pace ġie ċitat li qal li ammetta meta ħass li kien liberu li jagħmel dan (fl-2003) meta ttheddid kien spiċċa sa mill-1994. In konklużjoni din il-Qorti taqbel mija fil-mija ma' dak li qalet l-ewwel Qorti, illi din l-ammissjoni kienet "att abbużiv u abbuż serju mill-proċedura ta' din il-Qorti".

Għalhekk il-Qorti tal-Appell iddeċidiet illi:

"Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u tikkonferma interament s-sentenza appellata ħlief għall-ispejjeż tat-talba attriċi tal-ewwel grad li għandu jbatihom xorta l-attur appellant ħlief però għal dawk tal-HSBC Bank u Vica Limited u Paola Developments Limited li għandhom ibatuhom huma stess; l-ispejjeż tal-appell huma kollha u allura kompriżi tal-intervenuti fil-kawża a karigu tal-attur proprio et nomine appellant".

Kienet saret kawża kostituzzjonali mill-istess atturi odjerni kontra l-Avukat Ġenerali quddiem il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) li ġiet deċiża fis-26 ta' Jannar, 2017[36], fejn finalment ġie deċiż fost materji oħrajn, li:

"i) tiddikjara wkoll li Joseph Borg kien vittma ta' minaċċi serji b'tali mod li l-kunsens tiegħu mogħti fuq il-kuntratt tat-8 ta' Diċembru, 1981 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor J Bisazza bejn is-soċjetà Paola Development Co. Ltd (PCDL) u s-soċjetà Terry Limited kien karpit b'theddid u vjolenza li seħħew f'qafas ta' korruzzjoni u li għalhekk għandu jiġi meqjus bħala vittma ta' tali korruzzjoni; u

ii) konsegwentement tillikwida l-ammont ta' ħamsin elf euro (€50,000) bħala kumpens għal-leżjoni subita; u

iii) Tirriserva favur ir-rikorrent proprio et nomine il-jedd li jipproċedi ulterjorment għat-tħassir tas-sentenzi mogħtija fil-kawża 512/1989 fl-ismijiet Joseph Borg f'ismu proprju u fil-kwalità tiegħu ta' direttur tassoċjetà Marks and Charles Limited għan-nom u in rappreżentanza talistess v Joseph Pace fil-kwalità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà Terry Limited għan-nom u in rappreżentanza tal-istess; u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalità tagħhom ta' diretturi tas-soċjetà Paola Development Co. Ltd għan-nom u in rappreżentanza tal-istess għal kwalunkwe interess li jista' jkollhom, u b'digriet tal-11 ta' Ġunju, 2008 il-Qorti ordnat li HSBC Bank Malta p.l.c jiġi mdaħħal fil-kawża in statu et terminis; u b'digriet tal-24 ta' Marzu, 2009 il-Qorti awtorizzat li s-soċjeta` VICA Limited tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*; u b'digriet ieħor datat 26 ta' Marzu, 2009 awtorizzat lis-soċjetà Paola Developments Company Limited tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*, li ingħataw mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju, 2010 u mill-On.Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2014 u għar-risarċiment tad- danni materjali għat-telf fil-valur ta' 13-il plot mill-artijiet in mertu li sofra u dan abbażi

[36] **Din ġiet appellata u deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2018.**

> tas-sentenza li qed tingħata llum u fejn l-ammissjoni ta' Terry Limited għandha tiġi aċċettata bħala ammissibbli u valida, liema proċeduri għandhom isiru quddiem il-Qorti kompetenti anke f'sede kostituzzjonali.... omissis .... L-ispejjeż jitħallsu mill-Intimat".

Din hija r-retroxena fil-qosor ta' saga twila ta' proċeduri ġudizzjarji, għall-inqas sa fejn waslet sa issa, li matulha ngħataw sentenzi xi kultant konfliġġenti. Però dak li għandha quddiemha l-Qorti fil-kawża odjerna huwa limitat għal kwistjoni legali li s-soċjetà konvenuta Terry Limited għalkemm kienet irreġistrat ammissjoni meta l-kawża kienet qiegħda tinstema' quddiem il-Prim Awla, u ma ppreżentatx risposta tal-appell, l-Avukat tagħha Dr Kris Borg xorta ttratta l-appell u sussegwentement ġie intaxxat dritt favur tiegħu u li tħallas parzjalment mill-kawtela. Irrispettivament mill-mertu tal-kawżi fuq imsemmijin, id-dmir tar-Reġistratur kemm fil-kalkolu tal-kawtela u kemm fil-formulazzjoni tat-taxxa finali, huwa biss li jara jekk fl-istanza fejn qed jintalab li jiġi intaxxat dritt ġewx effettivament ipprestati s-servizzi professjonali mill-avukat jew mill-prokuratur legali li qed jitlob li jiġi intaxxat id-dritt. Hekk biex jingħata eżempju, jekk avukat ta' parti jagħmel rikors, irrispettivament minn jekk proċeduralment setax jippreżentah jew le, anki jekk il-Qorti tiċħdu fuq bażi proċedurali, is-servizz professjonali xorta waħda ngħata biex ġie ippreżentat ir-rikors u hemm dritt x'jiġi intaxxat favur l-avukat u l-prokuratur legali. Ma tistax tiġi kkontestata t-taxxa għax fuq punt ta' proċedura dak ir-rikors ma jkunx ġie milqugħ.

Din il-Qorti trid tiżgura jekk effettivament ġewx ipprestati servizzi professjonali li jintitolaw lil min ikun ipprovda dawk is-servizzi li jiġi intaxxat dritt favur tiegħu. Jekk eventwalment jiġu attakkati ċerti deċiżjonijiet jew ċerti digrieti li jkunu ngħataw, permezz ta' proċeduri ġudizzjarji ulterjuri, b'appelli oħrajn, kawżi kostituzzjonali jew bi proċeduri ta' ritrattazzjoni, ma jfissirx li drittijiet li jkunu tħallsu għal servizzi li ġew ipprestati, għandhom jiġu ritornati u miġbura lura mill-amministrazzjoni tal-Qorti. Ovvjament jista' jkun hemm lok għall-kawżi għad-danni, iżda f'dak il-każ ma jiċċentrax aktar ir-Reġistratur tal-Qorti imma biss il-partijiet fil-kontestazzjoni ta' bejniethom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi għaldaqstant din il-Qorti ser tillimita l-indaġni tagħha fuq żewġ binarji: (i) jekk saritx il-prova li Dr Kris Borg effettivament ippresta s-servizzi professjonali tiegħu bħala avukat lil Terry Limited fl-istadju tal-appell, u jekk fin-negattiv ma kellu jiġi intaxxat ebda dritt favur tiegħu; (ii) f'każ illi l-eżitu tal-ewwel indaġni jkun fin-negattiv u għalhekk ma kellu jiġi intaxxat ebda dritt favur l-avukat ta' Terry Limited, allura t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu milqugħa sakemm l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ma jinnewtralizzawx it-talbiet attriċi. Però f'każ illi l-eżitu fl-ewwel indaġni ikun fl-affermattiv, għad illi d-dritt intaxxat favur l-avukat ta' Terry Limited kien dovut u għalhekk ma tistax issir rifużjoni ta' dritt jew tnaqqis tiegħu, il-Qorti trid teżamina wkoll jekk ir-Reġistratur fid-deċiżjonijiet kienx legalment u proċeduralment korrett 'il għaliex fin-

nuqqas, dan jista' jagħti lok għal danni.

Fl-ewwel lok l-atturi ppruvaw mingħajr dubju li inizjalment kien intalab il-ħlas ta' kawtela abbażi ta' taxxa li sa dak l-istadju kienet korretta. Dan jirriżulta b'mod ċar mid-dokumentazzjoni li ntbagħtet lill-attur *pro. et noe*. għall-ħlas tal-kawtela *a fol.* 7, miċ-ċedola *a fol.* 8 u saħansitra mit-taxxa wara li l-appell ġie deċiż fis-27 ta' Ġunju, 2014, taxxa maħduma fit-22 ta' Lulju, 2014 a *fol.* 19 sa 25 tal-proċess.

Ir-Reġistratur konvenut isostni li legalment kellu dritt li jikkoreġi l-imsemmija taxxa minħabba li eventwalment fl-appell kien deher għal Terry Limited Dr Kris Borg li ttratta l-appell u li għalhekk huwa intitolat għad-dritt ta' avukat fl-appell, eskluż id-dritt ta' prokuratur legali stante li ma kienx hemm risposta tal-appell u kwindi ebda servizz mogħti minn prokuratur legali.

Għandu jiġi rilevat illi l-kontestazzjoni fil-kawża odjerna mhijiex dwar kif inħadmu l-ammonti indikati fit-taxxa tad-drittijiet u spejjeż, iżda dwar jekk effettivament l-Avukat Dr Kris Borg kellux dritt x'jiġi intaxxat fl-appell u jekk dan kellux ikun inkluż fl-ispartizzjoni tal-kawtela. Mill-verbal tal-Qorti tal-Appell tal-udjenza fejn saret it-trattazzjoni finali tal-Appell[37] jinsorġu diversi dubji u punti interrogattivi:

> "Meta ssejjaħ l-appell deher l-appellant Joseph Borg assist minn Dr...... ..... Deher Dr. Kris Borg għal Terry Limited, bħala likwidatur ta' Terry Limited........ Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw ir-rikors tal-4 ta' Marzu, 2014...." (u ċjoè ir-rikors dwar il-kawtela rigwardanti l-intervenuti fil-kawża).

Il-punti interrogattivi huma diversi: Dr. Kris Borg kien qed jidher fl-appell fil-kapaċità tiegħu ta' likwidatur ta' Terry Limited u kif ukoll bħala avukat tagħha? Meta l-Qorti tal-Appell qed tagħmel riferiment għad-difensuri tal-partijiet qed tagħmel riferiment ukoll għal Dr Kris Borg? L-aħjar prova kienet ix-xhieda ta' Dr Kris Borg li ma kinitx kontradetta minn ebda provi kuntrarji. Dr Borg xehed li hu kien deher fl-appell quddiem il-Qorti tal-Appell bħala likwidatur ta' Terry Limited, però kellu wkoll l-inkarigu ta' avukat ta' din is-soċjetà. Dr Borg jiftakar li ttratta fuq l-ammont għoli tal-kawtela. Kien hu stess li avviċina lir-Reġistratur u oltre dan mix-xhieda ta' Eunice Attrad Fiorini u Emanuel Sciriha jirriżulta illi kien hemm il-kunsens tal-avukati l-oħrajn li sabiex jitħallsu id-drittijiet tagħhom tal-appell, is-somma tal-kawtela kellha tinqasam b'mod ugwali bejniethom u għaldaqstant kellu jonqos l-ammont li l-avukati l-oħrajn kienu se jitħallsu skont l-ewwel taxxa maħruġa. Skont l-imsemmi verbal ta' dik l-udjenza kienu preżenti ukoll Dr Richard Galea Debono, Dr Aldo Vella u Prof. Ian Refalo. Ħadd minnhom ma ikkontenda li Dr Kris Borg ma kellux dritt x'jiġi intaxxat għax f'dik l-udjenza ma kienx deher ukoll fil-vesti tiegħu ta' avukat u li ma kienx ittratta.

Hija prassi normali fil-qrati tagħna illi jiġi verbalizzat li "deher A,

[37] A *fol.* 270 u 271.

rappreżantant ta' kumpannija B assistit mill-Avukat C". Però jekk l-Avukat C huwa wkoll rappreżentant tal-kumpannija B, jiġi verbalizzat li "deher l-Avukat C bħala rappreżentant tal-kumpannija B" u ma jiġix speċifikat "li qiegħed jassistiha wkoll bħala avukat". Anki meta avukat jidher bħala attur jew konvenut u mhux assistit minn avukat ieħor, jiġi verbalizzat li sempliċement "deher l-attur l-avukat C" u mhux "deher l-attur l-avukat C li qed jippatroċinja lilu nnifsu."

Tqis illi m'hemm ebda raġuni għalfejn il-Qorti għandha tiddubita mix-xhieda tal-Avukat Dr Kris Borg u m'hemmx dubju li dan effettivament ippresta s-servizzi professjonali tiegħu bħala avukat lil Terry Limited fl-istadju tal-appell, tant hu hekk li ttratta wkoll.

Tqis illi l-konvenut Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ammetta darbtejn fix-xhieda tiegħu li kien hemm żball amministrattiv fis-sens li ma kienx ġie intaxxat ukoll is-servizz li ippresta Dr Kris Borg fl-appell meta nħarġet it-taxxa tat-22 ta' Lulju, 2014.

Tqis illi anki bl-attenzjoni kollha immaġinabbli li tista' tingħata mill-amministrazzjoni tal-Qorti, żbalji ġenwini dejjem jistgħu sseħħu, speċjalment fejn bħal fil-każ odjern ikun hemm sensiela ta' kawżi u għadd ta' konvenuti jew intervenuti fil-kawża. Iżda sabiex jiġi rranġat żball bħal dan, kien l-obbligu tar-Reġistratur konvenut li mill-ewwel jiġi infurmat b'dankollu l-attur, u li l-kawtela tinqasam bil-mod kif kienet ikkalkulata oriġinarjament u d-dritt ta' Dr Kris Borg jinġabar wara u mhux isir l-iżbank tal-kawtela f'ammonti differenti minn kif kienu oriġinarjament ikkalkulati u minn kif kien ġie notifikat bihom l-attur pro. et. noe. L-attur pro. et noe. għalkemm kien ikkontesta l-ammont tal-kawtela għal raġunijiet oħrajn, xorta kien ippreżenta garanzija bankarja għall-ammont kollu li ġie indikat lilu mir-Reġistratur. It-taxxa addizzjonali kellha tinħareġ qabel ma jsir l-iżbank u fi kwalunkwe każ id-dritt tal-Avukat Kris Borg ma kellux jitħallas mill-kawtela, imma semmai kellu jinġabar separatament u b'hekk jiġi evitat illi l-attur *pro. et noe*. jiġi espost għal xi mandat eżekuttiv tal-partijiet l-oħrajn. Tqis għalhekk illi l-konvenut Reġistratur jista' jkollu għalfejn jirrispondi u jinżamm responsabbli għad-danni li seta' sofra l-attur *pro. et noe*. stante li r-Reġistratur konvenut u l-impjegati tiegħu ppruvaw jirranġaw l-imsemmi żball amministrattiv b'mod għalkollox skorrett meta t-taxxa uffiċjali ġiet riveduta wara li diġà kien sar l-iżbank.

Illi kwantu għall-ħames talba attriċi relattiva għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi minħabba n-negliġenza tal-konvenuti, tqis illi jista' jkun hemm responsabbilità x'tinġarr da parti tar-Reġistratur konvenut għal kwalsiasi danni kkaġġjonati lill-atturi minħabba l-mod xejn regolari kif ġiet ittrattata s-sitwazzjoni anomala li nħolqot. Imma bħal dejjem, *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* L-uniku ħlas żejjed li ġie ppruvat li l-attur pro. et noe. kellu jagħmel minħabba s-sitwazzjoni anomala li nħolqot kien meta l-HSBC Bank Malta plc biex sar il-kontromandat għall-mandat eżekuttiv li kien ħareġ għall-bilanċ tal-kawtela dovut lilu, insista li jitħallas ukoll tal-ispejjeż inkorsi minnu

f'dawk il-proċeduri, oltre l-bilanċ tal-kawtela. Dr Ralph Agius Fernandez ikkonferma l-awtentiċità tal-irċevuta li ħareġ għan-nom ta' HSBC Bank Malta plc[38] lill-attur, fejn oltre l-iżbank ta' €31,582.00, l-attur pro. et noe. ħallas lil bank is-somma ta' €14,933.97 "*to cover the balance that was due to HSBC Bank Malta plc which latter sum included also bank-incurred expenses relative to the issuance and subsequent counter-issuance of a garnishee order against the said Joseph Borg and Marks and Charles Limited in connection with the mentioned balance*").[39]

Illi għalhekk l-attur *pro. et noe*. ħallas lil HSBC Bank Malta plc ukoll is-somma ta' €4,406.97 apparti l-bilanċ tal-kawtela li ma kienx tħallas - €10,527.57 (€42,110.28 - €31,582.71. Però l-attur *pro. et noe*. ma ressaq ebda prova dwar x'kienu jirrappreżentaw eżattament dawn l-€4,406.97 addizzjonali li kellu jħallas lill-bank. L-attur pro. et noe. seta' jissostanzja dan permezz ta' dokumentazzjoni li kellu dritt li jingħata mill-bank qabel ma effettwa l-ħlas relattiv. Din kienet tkun ċertament l-aħjar prova[40], li però l-attur pro. et noe. naqas milli jipproduċi u fin-nuqqas ta' din l-aħjar prova, il-Qorti ma tista' tillikwida ebda danni u għaldaqstant anki din it-talba għal-likwidazzjoni u kundanna għal ħlas ta' danni qiegħda tiġi miċħuda.

Tqis illi l-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba' talba tal-atturi għandhom għar-raġunijiet imfissra jiġu miċħuda stante li l-ammonti reklamati mill-atturi huma dawk li fil-fatt kienu effettivament dovuti mill-istess atturi skont it-taxxa addizzjonali maħruġa mill-konvenut Reġistratur bħala spejjeż ġudizzjarji li ġew akkollati lill-atturi bis-sentenza suċitata tal-Qorti tal-Appell.

Għas-sens ta' kompletezza fir-rigward tal-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u partikolarment dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, għandu jingħad li l-artikolu 64 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> "(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-Reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, millġurnata ta' dik in-notifika".[41]

Illi għar-rigward tar-responsabbilità għad-danni li setgħu ġew ikkaġġjunati lill-atturi minħabba żbalji amministrattivi li saru u kif l-amministrazzjoni tal-Qorti ittentat li jiġu solvuti permezz ta' proċedura

[38] A fol. 161.
[39] Vide cheque a fol. 342 imħallas lil Dr. Richard Galea Debono bħala avukat ta' HSBC Bank Malta plc.
[40] Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[41] Vide wkoll Q.A., **Avv. Tonio Borg vs. Aġent Reġistratur tal-Qrati**, 04. 02. 1994 (Kollez. LXXVIII.ii.34) u P.A., **Accent Clear Traders Company Limited vs. Reġistratur tal-**Qrati u Cole Foods Limited għal kull interess li jista' jkollha, 26.03.2013.

irregolari, tenut kont tal-artikolu 64 tal-Kap. 12, żgur li ma jistax jingħad li r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

Il-kwistjoni ta' min għandu jirrispondi għat-talbiet attrici hija waħda ta' fatt.[42] Ir-Reġistratur konvenut fil-fatt xehed li kien hu li ta l-istruzzjonijiet u mill-provi ħareġ ukoll in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn id-diversi sezzjonijiet fi ħdan l-amministrazzjoni tal-Qrati. Finalment tibqa' r-responsabblità tar-Reġistratur konvenut li jiżgura li l-proċeduri stabbiliti jiġu segwiti. Min-naħa l-oħra skont l-artikolu 57 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "**57**. (1) Id-Direttur Ġenerali (Qrati) ikun maħtur mill-Prim Ministru u, sakemm il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja ma jiddeċidix mod ieħor, ikun responsabbli għall-amministrazzjoni tar-reġistri, l-arkivji, is-servizzi tal-qorti u l-uffiċiji amministrattivi l-oħra kollha tal-qrati.
>
> (2) Id-Direttur Ġenerali (Qrati) ikollu l-funzjonijiet, is-setgħat u d-dmirijiet mogħtija lilu b'dan il-Kodiċi jew b'kull liġi oħra applikabbli, kif ukoll b'kull regolament li jista', minn żmien għal żmien, isir mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja taħt dan l-artikolu.
>
> (3) Id-dmirijiet tad-Direttur Ġenerali (Qrati) għandhom jiġu mwettqa mid-Direttur Ġenerali (Qrati) innifsu jew minn dawk il-persuni l-oħra jew minn uffiċjali eżekuttivi tal-qrati li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolament jaħtar, jew fin-nuqqas ta' regolament ta' din ix-xorta, minn kull persuna maħtura għal hekk mid-Direttur Ġenerali (Qrati); regolamenti ta' din ix-xorta jistgħu wkoll jispeċifikaw d-dmirijiet li għandhom jitwettqu minn kull persuna jew uffiċjali bħal dawk".

Minħabba l-fatt li d-Direttur Ġenerali (Qrati) hu responsabbli għall-amministrazzjoni tar-reġistri u s-servizzi tal-qorti, waqt li ma jistax jingħad li hu mhux il-leġittimu kuntrattur, f'din l-istanza in vista li ġie imħarrek ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, it-taħrika f'isem ukoll id-Direttur Ġenerali (Qrati) hi superfluwa u għaldaqstant qed jiġi liberat mill-osservanza tal- ġudizzju. Għalhekk m'hemmx għalfejn tiġi ikkunsidrata t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi għar-raġunijiet imfissra filwaqt li tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenut Direttur Ġenerali (Qrati), qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom".**

## <u>Rikors tal-Appell tal-atturi:</u>

7. L-aggravji tal-atturi għalkemm huma dsatax (19) jistgħu jiġu

[42] Q.A., **J. Lautier Co. Limited vs. Alfred Cutajar** datata 04.11.2005.

sintetizzati kif ġej:

(a) Mhux minnu li Dr. Kris Borg kien l-avukat tas-soċjeta` Terry Ltd. fil-kawża 512/89 (***Joseph Borg pen v. Joseph Pace noe et***). L-avukat ta' Terry Ltd. f'dik il-kawża kien Dr. Keith Bonnici u baqa' hu sat-terminazzjoni tal-kawża. Dr. Bonnici qatt ma rrinunzja għall-patroċinju ta' Terry Ltd. u Dr. Kris Borg qatt ma assuma l-patroċinju tagħha.

(b) Fis-27 ta' Ottubru 2003 Terry Ltd. ammettiet it-talbiet ta' Joseph Borg *pen*. Stante l-ammissjoni tagħha Terry Ltd. lanqas kellha dritt tappella.

(c) Fit-23 ta' Frar 2011, Dr. Kris Borg ġie maħtur likwidatur ta' Terry Ltd.

(d) Il-Prim'Awla fil-kawża odjerna ma kinitx korretta meta kkonkludiet li Dr. Kris Borg kien deher bħala avukat ta' Terry Ltd. meta l-verbal a fol 270 u 271 tal-kawża 512/89 jindika b'mod ċar li Dr. Kris Borg deher bħala likwidatur u xejn aktar.

(e) Anke etikament ma setax jidher bħala avukat ta' Terry Ltd.: kemm għaliex diġa` kellha avukat li ma kienx irrinunzja għall-patroċinju

tagħha, u kif ukoll għaliex Dr. Kris Borg ma setax ikun avukat u likwidatur ta' Terry Ltd. fl-istess ħin (vide Kodiċi tal-Etika u tal-Avukati).[43]

(f) Meta r-Reġistratur tal-Qorti ħareġ il-kawtela fuq id-dritt ta' 3 avukati (Prof. Ian Refalo, Dr. Aldo Vella u Dr. Richard Galea Debono) ma kien hemm l-ebda dritt tal-avukat ta' Terry Ltd. x'jiġi kawtelat stante li ma ppreżentatx risposta (stante li ammettiet it-talba tagħha). Fil-fatt lanqas Dr. Keith Bonnici, l-avukat tagħha ma ppreżenta risposta.

(g) Ir-Reġistratur tal-Qorti kien skorrett meta wara li nqatgħet il-kawża tal-appell ħareġ taxxa addizzjonali wara l-iżbank.

(h) Imbilli Dr. Kris Borg ippretenda li kellu jitħallas, ir-Reġistratur tal-Qorti kellu obbligu li jivverifika mill-atti tal-kawża jekk dan kienx minnu, u kieku vverifika kien jirriżultalu mod ieħor.

(i) L-iżball tar-Reġistratur m'għandhomx ibatuh l-appellanti, iktar u iktar meta t-tort tiegħu huwa riżultat ta' imperizja u negliġenza fil-ħruġ tat-taxxa addizzjonali li ma messha qatt inħarġet minnu, iktar u iktar wara l-iżbank u wara li kien għadda ż-żmien ta' xahar għar-ritassa.

[43] Ir-regola ta' Part 1, Rule 1, a u c, Rule 3, a u b, Rule 4, Part 2, Rule 1, Chap 3, Rule 3, Chap 5, Rule 1, Rule 3 u Rule 4.

**Ma daħlet l-ebda risposta tal-Appell da parti tal-konvenuti:**

8. Minkejja li ż-żewġ konvenuti[44] ġew notifikati bir-rikors tal-appell fit-12 ta' Frar 2017, ma jidher li daħlet l-ebda risposta da parti tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

9. Permezz tal-Avviż datat **17 ta' Awwissu 2013** (Dok JB1, fol 7) Joseph Borg *proprio et nomine* kien ġie nfurmat li l-garanzija li kellu jħallas għall-ispejjeż tal-kawża (512/1989) kienet fl-ammont ta' Lm151,016.76, (li minnhom €24,685.92 kienu jirrappreżentaw id-dritt tar-Registru u l-kumplament (€126,330.84) kienu jirrappreżentaw id-dritt tal-avukati: cioe` l-Prof. Ian Refalo għas-soċjeta` Vica Ltd, Dr. Aldo Vella għas-soċjeta` Paola Developments Ltd. u Dr. Richard Galea Debono għall-HSBC Bank Malta, kif ukoll id-dritt tal-prokuraturi legali rispettivi. Dawn it-tliet soċjetajiet imsemmija kienu fil-fatt ippreżentaw ir-risposti tal-appell relattivi tagħhom, u d-Deputat Reġistratur **Rita Falzon** fix-xhieda tagħha spjegat li kien għalhekk li ħadmet id-dritt tal-avukati/prokuraturi legali fuq tlieta (€42,110.28 x 3 = €126.330.84).

[44] Jiġi spjegat li għalkemm in-notifika tal-appell saret kemm lill-konvenut ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali u kif ukoll lid-Direttur Ġenerali (Qrati), dan tal-aħħar kien ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fis-sentenza appellata, u l-aggravji esposti f'dan l-appell odjern bl-ebda mod ma jattakkaw tali parti tad-deċiżjoni.

Dok JB1.
7

AVVIZ SKOND L-ARTIKOLU 209 U 249 TAL-KODICI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROCEDURA CIVILI
KUN ZGUR LI THALLAS IL-GARANZIJA GHALL-ISPEJJEZ TAL-KAWZA INKELLA TITLEF ID-DRITT LI TINSTEMA' MILL-QORTI TA' L-APPELL

LIL: **BORG JOSEPH PRO ET NOE**
J.B'S BUREAU, 95, TRIQ IS-SIRK, SWIEQI.

Inti mitlub li taghmel garanzija ghall-ispejjez tal kawza tieghek fl-ammont ta'

**Reg. €24,685.92 + Av. u P.L. €126,330.84 = €151,016.76**

fis-sezzjoni tas-Subbasti, fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta, sa mhux aktar tard minn jumejn qabel id-data tas-smiegh tal-appell tieghek. Jekk inti ma taghmilx dan titlef id-dritt tas-smiegh ta' l-appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Appell u l-kawza tieghek tmur dezerta.

Il-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza tista' ssir billi jigu depozitati flus fis sezzjoni tas-Subbasti fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta fl-ammont hawn fuq imsemmi jew billi tingieb garanzija bankarja skond il-formola preskritta.

Il-Gvern ta' Malta, korporazzjonijiet pubblici, il-Bank Centrali ta' Malta u l-banek li ghandhom licenza mahruga skond l-Att dwar il-Kummerc Bankarju huma ezenti milli jaghmlu din il-garanzija.

Hu hsieb li tikkuntattja minnufih l-Avukat tieghek.

RITA FALZON
Deputat Registratur
17/09/2013

Ghar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

10. Joseph Borg *proprio et nomine* fil-fatt fis-**<u>17 ta' Jannar 2014</u>** iddepożita s-somma ta' €151,016, 76, kif mitlub, permezz ta' ċedola nru 20/2014 (Dok JB2, fol 8; kopja iktar ċara a fol 74).



20/2014

74

REGISTRY SUPERIOR COURTS No. 1538 PAID

FIL-QORTI TA' L-APPELL

KAWZA 512 NRU 89

EUR 151 016.76

Nru.....................

Joseph Borg pro et noe

vs

Joseph Pace

Cedola ta' depozitu ta' Borg Joseph pro et noe

Jesponi bir-rispett;

Illi l-esponenti umilment qed jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti u taht l-Awtorita' ta' l-istess qed jghaddi sabiex jiddepozita s-somma komplessiva ta'

biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' l-Appell, jigifieri:

1. favur tar-Registru: EUR 24,685.92
2. favur tad-difensur: EUR 126,330.84

EUR 151,016.76

Registratur

Dritt Registratur €24,685.92

Dritt favur difensuri €31,582.71

DR. R G B
Prof Refalo
DR. A. Vella 18/8/14

ŻBANKATI

Marvic Farrugia Deputy Registrar

Illum 17 ta' Jannar, 2014

Ippreżentata minn Borg Joseph pro et noe b' EUR 151,016.76

Deputat Registratur

Dritt favur Dr. Kris Borg €23,687.03 18/8/14

11. L-appell kien ġie appuntat għall-5 ta' Diċembru 2013 u s-sentenza ngħatat fis-27 ta' Ġunju 2014.

12. Din il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li tirriproduċi s-sitt (6) verbali tal-appell fir-rigward tal-kawża 512/89, b'enfasi fir-rigward ta' dawk il-partijiet fejn jissemma Dr. Kris Borg.

**(1) Verbal tal-5 ta' Diċembru 2013**

"Meta ssejjah l-appell deher Dr. Daniel Buttigieg li assocja ruhu ma' Dr. Edward Debono fil-patrocinju tal-appellant Joseph Borg pro et noe li ma huwiex notifikat bl-avviz tas-smigh u bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela u ddikjara li ma huwiex f'posizzjoni li jaghti ruhu b'notifikat ghall-patrocinat tieghu.

Dehret Dr. Daphne Dodebier ghal HSBC Bank Malta plc assistita minn Dr. Richard Galea Debono li assuma l-patrocinju minflok l-Av. Dr. Robert Mangion li gie elevat ghall-Gudikatura.

Dehru Norman Buckle u Adrian Balzan ghas-socjeta' appellata Paola Developments Ltd. assistiti minn Dr. Aldo Vella.

Dehru Benjamin Camilleri ghas-socjeta' intervenuta Vica Limited mhux assistit.

**Il-Qorti hadet konjizzjoni ta' nota prezentata mill-Avukat Dr. Kris Borg li biha ta ruhu b'notifikat bl-atti tal-kawza.**

Peress illi hemm raguni valida skont il-ligi ghall-astensjoni tal-Onor. Imhallef Tonio Mallia, qed jipprezenta nota ta' astensjoni.

Il-partijiet kollha kif rapprezentati jiddikjaraw illi ma jsibux oggezzjoni li l-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi jibqa' parti mill-Qorti kif komposta.

L-appell qed jigi differit ghan-notifika tal-appellant, ghall-hlas tal-kawtela u ghas-surroga skont il-ligi u ghall-ftehim tal-appuntament ghat-trattazzjoni ghat-12 ta' Dicembru 2013 fin-12.30 p.m".

**(2) Verbal tat-12 ta' Diċembru 2013**

"Meta ssejjah l-appell deher Dr. Edward Debono ghall-appellant.

**Dehru l-appellati kollha assistiti minn Dr. Aldo Vella, Dr. Richard Galea Debono, Profs. Ian Refalo u Dr.Sarah Grech u Dr. Kris Borg.**

Deher ukoll Frank Mercieca, Direttur Qrati Civili u Tribunali assistit minn Dr. Noel Bartolo.

**Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet illi hemm rikors urgenti tal-Av. Dr. Edward Debono sabiex jigi emendat l-ammont tal-kawtela li ma jirrizultax li gie notifikat lil Dr. Kris Borg li izda huwa prezenti fl-Awla u qieghed jaghti ruhu b'notifikat bl-istess rikors.**

Ghal kull buon fini l-appellati kollha kif rapprezentati jaghtu ruhhom b'notifikati bir-rikors imsemmi.

Dr. Kris Borg talab li jigi skuzat peress illi ghandu impenn iehor l-Universita'.

Il-Qorti peress illi l-konsiderazzjoni tal-appell ha zmien aktar milli kien anticipat, tawtorizzah illi jassenti ruhu mill-Awla llum.

Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-Avukati tal-partijiet prezenti ghar-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunal tallum stess u hadu konjizzjoni taghha.

Xehed: Il-Marixxal Johnny Francica (on tape).

Il-partijiet kif rapprezentati f'dan il-mument minn Dr. Aldo Vella, Dr. Richard Galea Debono, u Dr. Sarah Grech jiddikjaraw ghan-nom tal-patrocinati taghhom illi huma qeghdin jikkoncedu li l-appellanti ma gewx notifikati bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela.

Dr. Aldo Vella li mieghu jassocjaw ruhhom l-Avukati l-ohrajn jitlob li r-rikors prezentat mill-Av. Dr. Edward Debono f'ismu personali prezentat fl-10 ta' Dicembru 2013 jigi sfilzat stante li hu fil-kapacita' personali tieghu ma ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri.

Dr. Edward Debono jirrileva illi Joseph Borg fid-19 ta' Novembru 2013 ircieva biss mill-Marixxal Johnny Francica xi dokument rigwardanti risposta ta' Vica Ltd u l-ebda dokument iehor u ghalhekk skont Joseph Borg huwa ma huwiex notifikat bl-appell la personalment u anqas nomine.

Illi a rigward it-talba ta' Dr. Aldo Vella et jirrileva li huwa bhala l-Avukat ta' Joseph Borg pro et noe mill-bidu tal-kawza sallum kien l-Avukat tal-patrocinati tieghu u ghalhekk huwa fid-dover li jekk jirrealizza illi t-talba ghall-hlas tal-kawtela qabel ma l-klienti tieghu jigu notifikati ma hijiex korretta skont il-ligi jrid jinforma lill-Qorti dwar dan ghax tista' tkun pregudizzjevoli ghall-patrocinati tieghu. Illi ghalhekk huwa bir-rikors odjern talab direzzjoni mill-Qorti rigwardanti t-talbiet inkluzi fir-rikors tieghu u cioe' illi l-kawtela kellha tithallas mhux in konfront tal-intimati kollha imma biss tal-intimati u cioe' Terry Limited u mhux in konfront tal-intervenuti in kawza, stante li l-intervenuti ma humiex "parti" u l-kawtela trid tithallas ghall-intimati li huma parti mill-kawza.

L-appell qed jigi differit ghall-21 ta' Jannar, 2014 fin-12.30 p.m. ghall-provvediment fuq ir-rikors ta' Dr. Edward Debono tal-10 ta' Dicembru, 2013”.

## (3) Verbal tat-21 ta’ Jannar 2014

“Meta ssejjah l-appell deher Joseph Borg assistit minn Dr. Edward Debono ghall-appellant Joseph Borg pro et noe.

Dehret Dr. Daphne Dodebier ghal HSBC plc assistita minn Dr. Richard Galea Debono.

Dehru Norman Buckle u Adrian Balzan ghal Paola Developments Ltd assistiti minn Dr. Aldo Vella.

Inghata Digriet.

Dr. Edward Debono ghal Joseph Borg pro et noe jinforma lill-Qorti li hu behsiebu jipprezenta rikors ghan-nom ta' Joseph Borg pro et noe biex il-kawtela li huwa gie mgieghel jiddepozita ghan-nom tal-intervenuti in kawza tkun tista' tigi minnu zbankata gialadarba l-istess intervenuti in kawza ma humiex parti in kawza.

Ingibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghal nota prezentata ghan-nom ta' Joseph Borg pro et noe li permezz taghha gie rizervat id-dritt li jsir rikors sabiex il-garanzija bankarja li giet esebita tigi sostitwita ohra ghall-ammont tal-kawtela eskluz dik il-parti taghha intaxxata ghall-ispejjes tal-intervenuti fil-kawza u l-istess nota ingiebet a konjizzjoni tal-partijiet kif rapprezentati fl-Awla.

L-appell qed jigi differit ghall-11 ta' Marzu 2014 fin-12.30 p.m. b'45 minuta ghat-trattazzjoni”.

## (4) Verbal tal-11 ta’ Marzu 2014

“Meta ssejjah l-appell deher l-appellant Joseph Borg assistit minn Dr. Edward Debono ghall-appellant Joseph Borg pro et noe.

Deher Dr. Daphne Dodebier ghal HSBC Malta plc assistita minn Dr. Richard Galea Debono.

Dehru Norman Buckle u Adrian Balzan ghal Paola Developments Ltd. assistiti minn Dr. Aldo Vella.

**Deher Dr. Kris Borg ghal Terry Limited.**

Dehru Profs. Ian Refalo u Dr. Sarah Grech ghal Vica Limited.

Deher Benjamin Camilleri ghal Vica Limited.

Deher Dr. Noel Bartolo ghad-Direttur Qrati Civili u Tribunali.

Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghar-rikors tal-4 ta' Marzu 2014 li bih din il-Qorti qed tintalab li tirrikjama quddiemha l-atti processwali tal-kawza Cit. Nru 673/1989 RCP deciza fis-17 ta' Gunju 2010 ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors. Mieghu hemm ukoll esebiti zewg dokumenti "KZC1" u "KZC2" konsistenti f'digriet tal-Qorti tal-Kummerc tat-28 ta' Gunju 1989 u digriet ghan-nomina ta' periti tas-26 ta' Gunju 1989 mill-Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri.

Il-Qorti ordnat li kopja tal-istess atti msemmija jigu konsenjati lill-Avukati prezenti ghan-nom tal- klienti taghhom u tordna li jkollhom ghaxart ijiem tax-xoghol sabiex iwiegbu ghall-istess talba li saret bir-rikors tal-4 ta' Marzu 2014.

**Dr. Aldo Vella u Dr. Kris Borg jirrilevaw li l-klienti taghhom ghadhom ma gewx notifikati bir-rikors tat-22 ta' Jannar 2014 u ghalhekk qeghdin jaghtu ruhhom bhala notifikati ghan-nom tal-klienti taghhom bl-istess rikors u jiddikjaraw li qeghdin jassocjaw ruhhom mar-risposti ta' HSBC Bank Malta u Vica Limited ghall-istess rikors**.

Il-Qorti tiddiferixxi l-appell ghat-trattazzjoni ghas-6 ta' Mejju 2014 fis-1.00 p.m”.

## (5) Verbal tas-6 ta’ Mejju 2014

“Meta ssejjah l-appell deher l-appellant Joseph Borg assistit minn Dr. Edward Debono li deher ghall-appellanti kollha.

Dehru wkoll Norman Buckle u Adrian Balzan ghal Paola Developments Limited assistiti minn Dr. Aldo Vella.

Dehret Dr. Daphne Dodebier ghal HSBC Malta plc assistita minn Dr. Richard Galea Debono.

**Deher Dr. Kris Borg ghal Terry Limited, bhala likwidatur ta' Terry Limited.**

Deher Benjamin Camilleri ghal Vica Limited assistit minn Profs. Ian Refalo u Dr. Sarah Grech.

Il-Qorti rrilevat li ghad hemm pendenti zewg rikorsi, wiehed tat-22 ta' Jannar 2014 ghall-korrezzjoni tal-kawtela li dwaru din il-Qorti ser tiddeciedi fis-sentenza finali taghha; u wkoll ir-rikors tal-4 ta' Marzu 2014 ghar-rikjam tal-atti processwali fil-kawza Cit. Nru: 673/1989RCP deciza fis-17 ta' Gunju 2010.

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw ir-rikors tal-4 ta' Marzu 2014.

Dr. Edward Debono ma jinsistix fuq it-talba tieghu dedotta fir-rikors tieghu tal-4 ta' Marzu 2014.

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell.

L-appell qed jigi differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-27 ta' Gunju, 2014 fid-9.00 a.m".

## (6) Verbal tas-27 ta' Ġunju 2014

"Meta ssejjah l-appell deher Joseph Borg assistit minn Dr. Daniel Buttigieg.

Dehru Dr. Sylvana Zammit Demicoli ghal HSBC Malta plc.

Deher Dr. Aldo Vella ghal Norman Buckle u Adrian Balzan prezenti fl-Awla.

Deher Benjamin Camilleri ghal Vica Limited.

Inghatat sentenzi".

13. **L-Avukat Dr. Kris Borg** prodott mill-atturi (fol 93 et seq), xehed illi huwa kien ippatroċinja lis-soċjeta` Terry Ltd. kemm quddiem il-Prim'Awla kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell. Qal li għalkemm ma kienx daħħal risposta tal-appell kien ittratta verbalment. Qal li Terry Ltd. "*kienet appellata, hija parti mill-appell dejjem."* Dwar il-kwistjoni tal-ammissjoni ta' Terry Ltd. qal li din is-soċjeta` kienet ammettiet it-talba pjuttost kmieni fil-kawża u l-Qorti kien dehrilha li tali ammissjoni kienet fażulla[45]. Spjega

[45] Hawnhekk jidher li kien qed jirreferi għall-fatt li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2014 (citata mill-ewwel qorti fil-kawża odjerna, vide supra) kienet qalet li: "*In konklużjoni din il-*

wkoll li:

> *"kont nilbes żewġt ikpiepel u fil-fatt bħala avukat għamilt sottomissjonijiet verbali fl-appell u kien hemm ukoll noti li ġew sottomessi mill-appellati kollha li abbozzajthom jiena għan-nom ta' kulħadd".*

14. Mistoqsi jekk meta ħarġet il-kawtela jaqbilx li ma kienx hemm dritt tal-avukat ta' Terry Ltd., wieġeb:

> *"…..jekk niftakar kien hemm din il-problema li l-kawtela ma kinitx tkopri dik li suppost kienet tkopri…*
>
> *…Jekk ma niżbaljax l-ewwel darba li ħarġet it-taxxa kien hemm xi ħaġa eskluża, parti mid-dritt kien ġie eskluż imbagħad niftakar kont tkellimt mar-Reġistratur u kien emenda t-taxxa".*

15. Fil-fatt li ġara hu li meta sar l-iżbank, għalkemm l-ammont depożitat kien ikopri tliet avukati (Profs Ian Refalo, Dr. Aldo Vella u Dr. Richard Galea Debono u l-prokuraturi legali rispettivi), l-ammont fil-fatt inqasam bejn erbgħa, cioe` l-imsemmija tliet avukati u Dr. Kris Borg. Ix-xhud **Eunice Attard Fiorini,** prodotta mill-atturi xehdet li l-involviment tagħha kien fis-sens li laqgħet lill-avukati kollha u spjegatilhom li l-ammont tal-kawtela ma kienx biżżejjed biex ikopri kull avukat u prokuratur legali:

> *"…jiena kellimt lill-avukati u għidtihom li ammont biżżejjed għal kull avukat u P.L. ma kienx hemm il-full li għandhom jieħdu skont it-taxxa u qablu li jieħdu dak li hemm ugwalment bejniethom….*
>
> *…Aħna rajna t-taxxa, rajna fl-istadju tal-appell għax hemmhekk li kien hemm l-iżball fuq id-dritt, rajna li hu deher waqt is-seduti, għamel nota li hu ma setax jippreżenta l-appell għax kien hemm xi digriet f'dak is-sens, deher fl-aħħar seduta fejn saru t-trattazzjonijiet mill-avukati kollha tal-partijiet allura la deher u tratta għandu d-dritt tal-appell".*

---

*Qorti taqbel mija fil-mija ma' dak li qalet l-ewwel Qorti, illi din l-ammissjoni kienet "att abbużiv u abbuż serju mill-proċedura ta' din il-Qorti.""*

16. Sussegwentement **Lawrence Attard Bezzina**, Kap tar-*Revenue* għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ta' struzzjonijiet lil-Lombard Bank Ltd. biex il-garanzija bankarja relattiva għall-każ 512/1989 tiġi żbankata minn erba' avukati.

Claim No. 1490/2014

Citaz. Nru. 512/1989/2

Manager

Lombard Bank Ltd

Re: Garanzija Bankarja numru 2014/03

F'isem ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ta' Malta, gentilment nitlob li tigi rilaxxata l-garanzija bankarja nru. 2014/03, mahruga fuq it-talba ta' Borg Joseph bil-karta tal-identita numru 163037M minn Lombard Bank Ltd fil-15 ta' Jannar, 2014, is-somma ta' €24,685.92 favur ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali ta' Malta, liema somma hija dritt tar-Registru tal-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Borg Joseph pro et noe vs Pace Joseph pro et" Citazzjoni nru. 512/1989/2, Claim Nru. 1490/2014.

Il-kumplament tal-flus huma dovuti lill-avukati u l-prokuraturi legali, bhala rapprezentanti tal-kumpaniji hawn taht imsemmija.

| Avukat | Ghan-nom ta' | Ammont dovut lill-Avukat u PL |
|---|---|---|
| Dr Kris Borg | Terry Ltd | €31,582.71 (€23,687.03 +€ 7895.67) |
| Prof Ian Refalo | Vica Ltd | €31,582.71 (€23,687.03 +€ 7895.67) |
| Dr Aldo Vella | Paola Dev | €31,582.71 (€23,687.03 +€ 7895.67) |
| Dr Richard Galea Debono | HSBC | €31,582.71 (€23,687.03 +€ 7895.67) |

Mehmuza ma' din l-ittra ghandek issib kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell kif ukoll kopja tal-formola tal-izbank relattiv.

Nissuggerixi nhar il- xx/xx/xxxx f' xxxx bhala data u hin fejn il-partijiet kollha jiltaqghu l-bank biex jigu rilaxxati l-flus dovuti.

Grazzi u Tislijiet

L. Attard Bezzina

Kap tar-Revenue

Ghar-Registratur Qrati Civili u Tribunali

17. Li l-ammont ta' €126,330.84 effettivament ġie żbankat minn erba' avukati (inkluż Dr. Kris Borg) jidher fin-notament datat 18 ta' Awwissu 2014 fuq iċ-ċedola ta' depożitu. Ladarba s-somma nqasmet bejn erbgħa flok tlieta ġie li kull wieħed mill-erba' avukati ħa €31,582.71 (flok €42,110.28); Dr. Kris Borg sussegwentement irrifonda l-ammont ta' €7,895.67 li jirrappreżenta d-dritt tal-P.L. stante li s-soċjeta` Terry Ltd. ma kellhiex P.L. fl-istadju tal-appell.

18. Sussegwentement ukoll, inħarget taxxa uffiċjali addizzjonali. **Emanuel Sciriha**, Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, fix-xhieda tiegħu (fol 103 et seq), ippreċiża li t-taxxa oriġinali ma kinitx żbaljata (kif xehdet Eunice Attard Fiorini); fil-fatt enfasizza li t-taxxa oriġinali – li kienet tkopri d-dritt ta' tliet avukati - kienet korretta sa ċertu data, għaliex inħadmet abbażi tat-tliet risposti. Huwa kkonferma li għalkemm Dr. Kris Borg ma ppreżentax risposta tal-appell, ladarba ttratta kellu dritt skont il-liġi. Ikkonferma li ħarġet taxxa addizzjonali biex tkopri dak id-dritt li ma kienx inkorporat oriġinarjament.

19. Mill-verbali fuq riprodotti, u senjatament il-partijiet enfasizzati minn din il-Qorti, din il-Qorti fil-fatt hija tal-fehma li jirriżulta mhux biss li **s-soċjeta` konvenuta Terry Ltd. kienet parti fil-kawża fl-istadju tal-appell, iżda wkoll li Dr. Kris Borg kien qed jidher bħala l-avukat**

**tagħha, anke jekk kien ukoll il-likwidatur tagħha**. Hemm partikolarment riferenza għal Terry Ltd. bħala l-"klijent" tiegħu; u wkoll li Terry Ltd., flimkien mal-appellati l-oħra kienu "assistiti" mill-avukati tagħhom (fejn fir-rigward ta' Terry Ltd. jissemma' Dr. Kris Borg). Jirriżulta wkoll li l-attur Joseph Borg *proprio et nomine* fl-ebda verbal ma kkontesta l-preżenza ta' Terry Limited jew ir-rwol ta' Dr. Kris Borg bħala l-avukat tagħha.

20. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li kien il-kompitu tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali li jidħol fil-kwistjoni dwar l-ammissjoni ta' Terry Limited fl-istadju tal-ewwel istanza, jew fil-kwistjoni dwar jekk Dr. Kris Borg setax jippatroċina lil Terry Ltd. (minħabba l-allegazzjoni li Dr. Keith Bonnici ma kienx irrinunzja għall-patroċinju ta' Terry Ltd., jew minħabba li ma setax - etikament - ikun likwidatur u avukat fl-istess ħin). L-atti tal-appell kienu biżżejjed biex ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali jkun sodisfatt li Terry Ltd. kienet parti fil-kawża (bħala appellata) u li Dr. Kris Borg kien ippresta s-servizzi professjonali tiegħu fil-konfront tagħha, u inoltre l-fatt li t-tliet avukati l-oħra qablu li t-taxxa oriġinali kellha tinqasam bejn erbgħa flok bejn tlieta - sabiex jiġi nkluż Dr. Kris Borg - għandha sservi ta' konferma ta' dan kollu.

**<u>Decide</u>**

21. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-atturi Mark &

Charles Ltd. u Joseph Borg, u tikkonferma s-sentenza appellata.

22. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm